"Aħdem għar-Rebħa tal-Malti"

IR-RABA' KTIEB TAT-TMINTAX-IL SENA — DIĊEMBRU 1942

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

## Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

KULL TLIET XHUR

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Sena oħra | Editorjal |
| *Żewġ Qronfliet* | Dun Karm |
| Ġustizzja bla Qorti | Ġ. Galea, M.D., D.P.H. |
| *It-Tigra u l-Ħamiema* | A. Buttigieg, B.A.,LL D. |
| *Ġewwa l-Presepju* | R. M. B. |
| Salvu jsir Missier | Vic. Apap |
| Madlien | K.G.M.F. |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | Ġ. Chetcuti |
| *Imbierek il-Mulej* ! | Fran. Camilleri |
| Mill-Qasbija tal-Lsien Malti | A. Cremona |
| Il-Gandlieri ta' l-Isqof | G. Zarb Adami |

Werrej tat-Tmintax-il Sena

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1942

## SENA OĦRA

GĦADDIET sena oħra, sena ta' twegħir, ta' taħbit u ta' tbatija, fiha rajna minn kollox ; tiġrib, mewt u għaks; fiha l-ħajja tagħna ħadet xejra oħra, xejra li qatt ma konna nistennewha u li qatt ma bsarnieha. Issa drajna ngħixu fil-periklu u nimxu għad-dell tal-mewt. F'din is-sena rajna bosta taqlib, intemmu ħafna ħwejjeġ u nqerdet kemm-il-drawwa; ħafna għaqdiet tilfu l-ħeġġa li kellhom u bosta xirkiet spiċċaw fix-xejn, iżda l-Għaqda tagħna baqgħet miexja 'l quddiem u bla ftaħir, bla għaġeb u bla nfiħ qdiet id-dmir tagħha u wettqet il-għan li għalih kienet twaqqfet.

Aktar lura f'artiklu tas-Segretarju taqraw fuq il-ħidma li l-għaqda baqgħet twettaq ukoll f'din il-gwerra ħarxa li għaddejjin minnha u aħna nħossuna mkabbrin li messitna x-xorti li mmexxu l-Għaqda fi żmenijiet ta' twegħir u ta' storja li għaddejjin minn fuqna bħalissa; bi ħsiebna nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex il-Għaqda ma tonqosx mill-idijal li għalih kienet maħluqa u l-fehma tagħna hi li bla nkejja u bla tagħjir naqbżu kull meta jkun meħtieġ għall-ġid tal-Isien Malti.

Il-Maltin tal-lum urew lid-dinja r-rieda qawwija tagħhom u d-dinja kollha stagħġbet bihom u faħħrithom. Mitt sena oħra din is-sena li għaddiet minn fuqna għad tinkiteb b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Malta u l-Maltin ta' dak iż-żmien iħossu ruħhom kburin bil-għemil tan-

nies li qegħdin igħixu l-lum. Ix-xewqa tagħna bħala Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tal-lum hija li dawk li għad jiġu warajna jkollhom biex jiftaħru bil-għemil tagħna u jbirkuna għax fost dan it-tiġrib kollu żammejna l-Għaqda ħajja u ħarkiena.

Bil-għajnuna t'Alla u mseddqin minn sħabna l-Membri kollha tal-Għaqda nittamaw li l-ħidma tagħna ma tonqosx, iżda toktor u tiżdied ħż-żminijiet li resqin u hekk isem il-Għaqda jikseb aktar ġieħ u jibqa' miġjub u miqjum kif jixraqlu.

# ŻEWĠ QRONFLIET

(ĠRAJJA MINNHA)

Qronfla bajda u oħra ħamra
  Ġew f'idejja minn ġo ġnien:
  Safa l-waħda, mħabba l-oħra,
  Lwien ta' Malta t-tnejn flimkien.

Il-ġmiel tagħhom bħal seraqni;
  Ħarsti fuqhom jien sammart,
  Flejt il-weraq, flejt in-nisġa
  U sa nbushom bħal tħajjart.

Hekk kif kienu bejn subgħajja
  Resaq ħlewwa ta' farfett;
  Bla ma tnaffar għaddas rasu
  Ġewwa qronfla, s'isfelnett.

Ġibed l-għasel minn ġol-warda
  Talla' rasu, tħarrek, dar;
  Ħabbat ġwienħu bojod bl-iswed,
  Bla ma sellem telaq, mar.

Ngħid is-sew, jien bħal tlift għaqli
  Fuq il-ġmiel taż-żewġ ħlejqiet;
  Xtaqt li kieku nżommhom miegħi
  Lill-farfett u lill-qronfliet.

DUN KARM.

# GUSTIZZJA BLA QORTI

Nikol tal-Għnien kien issellef mitejn skut minn għand is-Sur Tusè u baqa' għal żmien twil ma jistax iħallashom; bit-tqanċiċ u bit-tħabrik kien ilaqqat biex iħallas l-imgħax, iżda s-Sur Tusè ħsiebu ma kienx fl-imgħax: it-tir ta' moħħu kien fuq il-għalqa li Nikol kellu f'tarf ir-raħal u li fuqha dan kien issellef dawk il-mitejn skut; dak il-ħabel raba' kien jiswa għall-bini u kieku jiksbu taħt idejh is-Sur Tusè kien jista' jqassmu u jagħtih b'xi tmintax irbigħi l-qasba; kieku jseħħlu dan il-ħsieb is-Sur Tusè kien jaqta' sandar, iżda Nikol kellu qalbu marbuta ma' dik l-imbierka ta' għalqa tiegħu li kien wiritha minn għand missieru u li kienet ġejja minn għand nannietu. Fir-razzett ta' dik il-għalqa Nikol kien trabba u fih kien qiegħed irabbi 'l uliedu, fih kien ġarrab in-niket u l-ferħ, id-dwejjaq u l-hena li ltaqa' magħhom ma' tul il-milja ta' ħajtu.

Fi dħul is-sajf tas-sena l-oħra, nhar il-Qalb ta' Gesù, meta spiċċa l-għasar, Nikol huwa u ħiereġ mill-knisja, lemaħ is-Sur Tusè fuq iz-zuntier; il-bidwi libet, għaddas rasu u telaq iħaffef biex jeħles, iżda s-Sur Tusè mar fuqu u waqqfu.

"Kol, x'sa nagħmlu fuq dawk l-erbat ewwieq li kont sliftek ? "

Nikol infixel, tħawwad u beda jlaqlaq.

"Tini ftit taż-żmien ieħor; wara l-ġbir tal-qàmħ, jekk Alla jrid, inkun nista' nroddlok flusek."

"Ilek bosta żmien ittawwal, kif trid tħallasni issa wara l-ħsad ?"

"Għax dis-sena kellna newba tajba, il-qamħ mela ġmielu u s-suq tiegħu sewa ħafna; jekk ittini ftit taż-żmien ieħor nittama li nifdi dejni miegħek."

Is-Sur Tusè ma għoġbux jisma' hekk, hu aktar xtaq jaqbad taħt idejh il-għalqa ta' Nikol milli jiġbor il-flus li kien silef fuqha u qal imdagħdagħ :

"Din id-darba għandi bżonn il-flus f'idejja, ma nistax nistenniek aktar."

"Isbirni ftit taż-żmien ieħor, sur Tusè !" talbu Nikol.

"Stennejtek biżżejjed, issa jekk ma troddlix flusi sa xahar ieħor naqbadlek il-għalqa."

Nikol instamat u tbikkem, f'moħħu beda jtalla' u jniżżel biex jara x'igħid ħalli jqanqal qalb is-Sur Tusè, iżda dak il-ħin sewwa, is-sirena bdiet tnewwaħ u tħabbar ħbit tal-għadu mill-ajru; f'radda ta' salib in-nies kollha tferrxu u kulħadd dabbar rasu mill-aħjar li sata'. Is-Sur Tusè telaq igħaġġel u ħalla 'l Nikol ħosbien u mibluh qisu bniedem ma jafx x'jibda jaħseb jew fejn jagħti rasu.

Dlonk beda l-isparar, instemgħu l-ajruplani jgħoddsu, inħass it-theżhiż ta' l-art u t-tregħid tal-bini ma' kull bomba li nxteħtet, iżda Nikol baqa' ħiemed u sieber donnu wieħed mitluf minn sensih, telaq bil-lajma lejn ir-razzett tiegħu bla ma ta widen għan-nies li bdew igħajtulu biex jidħol għall-kenn tax-xelter u anqas ma qies il-biża' talmewt u ħerba li kienu neżlin mis-sema bħax-xita: tisfir ta' balal, twerdin ta' ajruplani, tvenvin ta' laqx, tfaqqigħ ta' bombi, iżda Nikol baqa' sejjer bħal bniedem li ma għandux kont ta' ħajtu.

Madanakollu, sakemm Nikol wasal ħdejn ir-razzett kien għadda l-biża' u malli daħal il ġewwa mix-xatba, daqqet is-sirena biex tħabbar li l-ajruplani tal-għadu kienu għaddew: minnufih it-tfal ħarġu jiġru, jaqbżu, jifirħu u jduru ma' missierhom qisu ma kien ġara xejn, iżda fejn dari Nikol kien jogħxa b'uliedu u joqgħod jifraħ u jitliegħeb u jirraġġa' magħhom, din id-darba bilkemm kellimhom u baqa' sejjer donnu ras maqtugħa, tala' t-taraġ li mill-bitħa kien jagħti għas-setaħ quddiem il-għorfa u nxteħet bilqiegħda fuq iċ-ċint iħares b'għafsa ta' qalb lejn dak il-wiċċ qamħ fil-għalqa tiegħu. Mela issa dik ir-roqgħa raba' li għalih kienet tiswa daqs id-dinja kollha, kienu sa jeħduhielu minn taħt idejh. X'jagħmel mingħajrha? Kif jitma' 'l uliedu? Kif iżomm il-familja? Tassew li l-ħniena t'Alla kbira, iżda għaliex hu u wliedu kellhom jitilfu l-għajxien tagħhom ħtija tar-regħba ta' ħaddieħor? Dawn il-ħsibijiet koroh kienu għaddejjin minn moħħ Nikol li ħass bħal tqanqila ta' qilla twebbislu qalbu għall-imġiba tal-bnedmin, imma t-tama fil-ħniena ta' Dak ta' Fuq ma ħallitux jitlef id-dawl tad-deħen. M'hux li kellu ftit taż-żmien ieħor sakemm jilħaq jaħsad u jidres dak il-qamħ, kieku kollox jissewwa, imma is-Sur Tusè ma kellux fehma jistenna u għal dawk il-ftit jiem hu kien sa jitlef kulma kellu u jisfa' bħal qasba tixxejjer mar-riħ.

Mart Nikol ratu mbergħen u ħosbien, staqsietu xi ġralu, hu fetaħ qalbu magħha u fehemha l-qagħda ħażina li kienu jinsabu fiha ħtija tad-dejn li kellhom mas-Sur Tusè.

Għal dik l-aħbar, mart Nikol ħasset għafsa ta' qalb li ma bħalha; dik il-għalqa kienet il-hena tagħha, dik il-ħamrija msoqqija bil-għaraq ta' ġbinha għaliha kienet qisha trab id-deheb, kull niket u kull faraġ ta' ħajjet dik il-mara, kienu marbutin ma' l-uċuħ li trodd dik il-ħamrija għammiela, dik il-mara bint ir-raba' kienet tħoss it-tama tagħha tikber man-nebbieta u toktor ma' l-egħlejjel li jrabbi dak il-ħabel raba'; hi kienet tistgħall b'dak li l-Bambin jibgħat kif ukoll kienet iġġarrab kull niket meta n-newba tmur ħażin.

* * *

Għaddew fuq ġimagħtejn u Nikol ma sama' xejn minn għand is-Sur Tusè, hu kellu qalbu ttaqtaq għax kull ħin kien jistenna li jasal il-Marixxall tal-Qorti b'xi ittra uffiċjali; hu u martu kienu fuq ix-xwiek, u jekk taqtgħalhom rashom ma kenitx toħroġ qatra demm. Għax tgħid! huma qatt ma ħassew il-ħtieġa ta' dik il-għalqa u s-siwi tagħha għall-għajxien tagħhom u ta' wliedhom daqs kemm ħassew issa meta kien hemm il-biża' li jistgħu jitilfuha u kull darba li kienu jaraw it-tfal tagħhom jilagħbu ferħana u bla ħsieb ta' xejn ħdejn il-qamħ imewweġ ma' kull żiffa riħ kienu jħossu bħal għoqla titla' għal griżmejhom u xfar għajnejhom jixxarrbu bid-dmugħ.

Meta ra li xejn ma tqanqal, Nikol mar sab is-Sur Tusè, iżda dan laqgħu ħażin u ma tahx wiċċ, deher li ma ried jiftiehem b'xejn u heddu li jekk sa tlitt ijiem ma jħallasx dejnu jagħmillu mandat u jaqbadlu l-għalqa.

Nikol raġa' lura qisu ras maqtugħa, mibluh fih in-nifsu u ma jafx fejn jibda jagħti rasu, dawk it-tlitt ijiem għaddiehom bħall-aħħar tlitt ijiem ta' l-imgħallaq u bilkemm ma xtaqx li taqa' balla u teqred lilu u lill-familja tiegħu, u f'dawk it-tlitt ijiem il-għadu aktar qell fil-ħruxija tiegħu, ħabat għal Malta b'saħħa tal-biża' u xeħet balal bil-għama; dawk kienu tlitt ijiem ta' niket u ta' hemm, ta' mewt u ta' biki, fihom Malta ma kellha ebda serħan lanqas bil-lejl meta l-periklu u l-biża' kienu joktru bla qies. Ma' tul l-aħħar lejl ħadd ma għalaq għajn ma' għajn, kulħadd imgeddes għall-kenn tal-blat jistenna minn ħin għal ieħor li tgħaddi l-mewt minn fuqu. F'dak il-lejl il-għadu wera l-qilla tiegħu kollha, xeħet balal ta' kobor tal-waħx li mattfaqqigħ tagħhom l-art kienet tinħass titheżheż u taqbeż u togħla: in-nies għaddew lejl ta' tiġrib li ma jintesa qatt, imbagħad fil-għodu maż-żerniq meta l-għadu telaq.

kulħadd ħareġ minn ġewwa x-xelter mixrub, għajjien u mheddel qisu ċarruta mxarrba u kull min sata' fittex jaħtaf nagħsa biex jistrieħ! iżda is-Sur Tusè kellu ħsieb ieħor f'moħħu; hu kien jiftaħar li dejjem żamm kelmtu u issa deherlu li kien jiċkien kieku ma jwettaqx it-tehdida tiegħu lil Nikol; madanakollu kieku jerħilu ftit taż-żmien ieħor, Nikol kellu mnejn jilħaq jagħmel il-qamħ flus u jħallas dejnu, b'hekk hu jitlef dik il-għalqa minn taħt idejh.

B'dawn il-ħsebijiet f'rasu s-Sur Tusè bakkar telaq lejn il-Belt bil-fehma li jsib l-Avukat tiegħu ħalli jaħsiblu għall-mandat u huwa u sejjer baqa' l-ħin kollu jtalla' u jniżżel kemm-il-qasba għall-bini jista' joħroġ minn dik il-għalqa ta' Nikol u kemm sa jdaħħal ta' kull qasba. Mi-tluf f'dawn il-kalkli s-Sur Tusè ma tax widen tat-taqlib kbir li ltaqa' miegħu huwa u sejjer il-Belt, iżda hekk kif daħal Port Irjal waqaf għal għarrieda u berraq għaj-nejh għall-ħerba kbira li lemaħ quddiemu: it-trieq ewle-nija mqallba ta' taħt fuq, kull fejn dawwar wiċċu s-Sur Tusè ra djar imġarrfa, għaram ta' ġebel, tħarbit u tiksir, ħass dehxa għal dik il-ħsara kollha u baqa' dieħel jaqbeż fuq il-ġebel u jsallab minn ħajt għal ieħor biex jeħles mit-tiġrif sakemm wasal f'Misraħ l-Assedju l-Kbir u hemm waqaf iħares imgħaġġeb u mibluh bil-ħerba tal-waħx li ra quddiemu. Il-Qorti kienet saret borġ ġebel, iġġarrfet u tħarb-tet hekk li bilkemm kienet għadha tingħaraf u fejn qabel wieħed kien jara nies u avukati deħlin u ħerġin u ġe-ġwiġija u tħabrik u ħajja, issa kien hemm għabra u ħem-da u skiet qisu l-post kien tgħatta minn ġwienaħ il-mewt.

* * *

Ma għandniex xi ngħidu, dak in-nhar is-Sur Tusè ma sab l-ebda avukat fil-Qorti biex jaqdih u kellu jarġa' lura lejn id-dar b'xiber geddum għat-trieq li ħa għax ma seħħlu jagħmel xejn, imma aktar ħadha bi kbira jumejn wara meta l-Gvern għarraf li ħtija tal-ħsara kbira li ġrat fil-Qorti x-xogħol kollu tagħha kien miżmum għal xi żmien.

Nikol sama' wkoll b'dik it-tagħrifa tal-Gvern u ħa r-ruħ, hu u martu għamlu ħila ta' sur, ħabirku kemm felħu u b'inkejja ta' attakki mill-ajru wieħed f'wieħed ħadmu lejl u nhar u f'jumejn ħasdu kemm kellhom qamħ u rabtuh għamar, xarrbu l-qiegħa, balltuha u hejjew l-andar, imbagħad firxu l-qamħ, rabtu l-ħmara u l-baqra u damu jidirsu bla mistrieħ sakemm sajru l-qiegħa; it-tfal ukoll meddu idej-

hom u ma dawrux u saqu l-bhejjem ftit filwaqt li missierhom u ommhom kienu jqallbu l-qamħ biex jitkisser aħjar taħt saqajn il-bhejjem. Damu xi erbat ijiem sejrin bla nifs, bin-nhar jitħabtu mal-qiegħa f'xemx tisreġ qalila u bil-lejl jorqdu għal frisk fil-għarix ħdejn l-andar, imbagħad meta l-qamħ kollu sar tiben, il-Bambin bagħat fewġa riħ fuq u hemm trid tara 'l Nikol u 'l martu u 'l binhom l-kbir bi bżulija kbira jgħollu t-tiben bl-imdieri u b'ħeffa li ma bħalha jwaddbuh għal għajn ir-riħ ħalli jissaffa mis-sifa u jingħażel mill-qamħ, imbagħad il-missier sawwab il-qamħ, bil-luħ ħalli jifirdu mit-tibna ħoxna u mill-għabra, u wara dan, huma għarblu l-qamħ għal darba tnejn, l-ewwel għaddewh mill-għarbiel tal-karfa biex jagħżluh miż-żwiel, imbagħad mill-għarbiel irqiq biex jeħilsuh mit-trab u fl-aħħar il-qamħ imsoffi minn kull żrar, trab u naqal inġabar gozz f'nofs l-andar, isfar u jqarmeċ hekk li jħajrek titfa' ponn minnu f'ħalqek u titħnu bi snienek.

Dak il-gozz qamħ ma damx wisq fuq il-qiegħa għax bla telf ta' żmien inbiegħ u tħallas tajjeb. Nikol ma marx ħażin u ġabar kemxa sewwa ta' dawk l-imdied qamħ li kejjel u hekk kif ġabar flusu mar sab is-Sur Tusè u ħallas dejnu; is-Sur Tusè ma ħax pjaċir, ħsiebu kien li jikseb il-għalqa, iżda kellu jitqanna jiġbor dak li kellu jieħu u fuq il-qalb jikteb l-irċevuta.

* * *

Nikol raġa' lura lejn il-għorfa tiegħu ħafif u hieni donnu neħħa xi ħaġa minn fuq sidru u malli daħal fil-għalqa qabad ponn ħamrija u bil-hena ta' qalbu tiddi fi ħbub għajnejh qal lil martu:

"Bil-għaraq ta' demmna fdejnieha din il-għalqa u ħadd ma għandu jedd iżjed fuqha ! Issa kif urittha min għand missieri inħalliha lil uliedi din il-medda raba' ħielsa minn kull irbit."

"Kien ikun dnub kieku ħaduhielna minn taħt idejna" wieġbet mart Nikol.

"Kien ikun għajb kbir kieku tlifnieha", qal Nikol.

"Mn'Alla li l-Gvern waqqaf ix-xogħol tal-Qorti!" qalu t-tnejn għalenija u f'qalbhom ħassew li qatt ma saret ġustizzja sewwa daqs meta għalqet il-Qorti.

ĠUŻE GALEA

# IT-TIGRA U L-ĦAMIEMA

Fil-bieb tal-għar moħbi fiz-zokk ta' siġra,
għajnejha żewġ ġamriet ħomor bħad-demm,
dufrejha miftuħin u snienha jqarmċu
bħal ronog ta' l-avorju : it-Tigra .. ar'hemm !

Iż-żehra tagħha tidwi qalb is-siġar
turi ta' qalbha l-qilla u l-ħruxija :
fil-bieb tal-għar moħbi fiz-zokk ta' siġra
donnha ġiet tgħammar hawn Ruħ il-Kefrija.

Fit-tarf ta' fergħa tħammar fiċ-ċirasa
bħal ħafna ħnienaq żgħar tal-filigrana,
tnaqqar kull tant u tbarqam ferriħija
Ħamiema bajda fuq saqajn ħamrana.

16 - 8 - 42. A. Buttigieg

# ĠEWWA L-PRESEPJU

(ĦSIBIJIET)

Oh liema xrara xegħlet
fi qlub il-Maħturin;
ix-Xebba mingħajr ħtija
u Ġużeppi, ż-żewġ Safjin,
kif raw, għall-ewwel darba
imwieled il-Bambin
ġewwa maxtura fqajra,
imħabbra mill-bassara,
minn eluf w eluf ta' snin ! !

* * *

L-Għajnejn suwed ta' l-Imwieled,
f'nofs ta' lejla, f'dak is-skiet,
raw l-Uċuħ għall-ewwel darba,
ta' fuq l-art l-oħla ħlejqiet :
ta' Ġużeppi, l-bniedem Sewwa,
u tal-Warda tax-xebbiet !

25 - 12 - 41 R. M. B.

# SALVU JSIR MISSIER

Meta f'Ħall Warda twaqqaf il-korp tal-Kunnistabblijiet Speċjali, Salvu Vella kien minn ta' l-ewwel li mar inizżel ismu biex jingaġġa. Madankollu, lil Salvu kont issibu minn ta' l-ewwel f'kollox: fl-agħjat tat-tombla l-każin tal-banda, bil-bandiera tal-fratellanza ta' San Ġużepp fil-pirċissjoni ta' nhar il-festa, u f'kull ħaġ'oħra li kienet tinbet fir-raħal u li għaliha kienet tkun meħtieġa daqqa ta' id. Għax Salvu, tajjeb li wieħed ikun jaf, kien minn dawk in-nies li dejjem huma lesti biex jagħtu għajnuna, u li kulma jagħmlu jaqduha minn qalbhom.

Ħekk ġara wkoll meta Salvu Vella daħal Kunnistabbli Speċjali. Feraħ wisq bl-*S.C.* li kien beda jġib fuq driegħu x-xellugi u bl-elmu ta' l-azzar li kien iġorru miegħu kull fejn imur. Ix-xogħol li kienu jafdawlu f'idejh, imbagħad, kien jaqdih b'reqqa li ma bħalha, la biex juri ruħu u lanqas biex idejjaq lin-nies aktar milli jmissu, imma għax kien iħoss fih li dak li għandu jagħmel għandu jsir kif imiss. Ma ngħidx li xi drabi ma ħtiġlux jieqaf lil xi wħud li kienu jkunu jridu jgħadduh biż-żmien, jew lil min ma kienx joqgħod għal dak li titlob il-liġi; nista' ngħid żgur li dawk il-ftit li telgħu l-Qorti għax ħarrikhom Salvu Vella, kien jistħoqqilhom tassew, u minn quddiem il-Maġistrat ħarġu bil-bwiet eħfef milli kienu daħlu bihom.

Minħabba fil-bżulija ta' Salvu, l-Ispettur ta' Ħall Warda laħħqu Surġent. B'hekk, minbarra l-ittri *S.C.*, fuq driegħu x-xellugi beda jġib tliet penzijiet ukoll.

Din il-ħaġa tat f'għajnejn it-tfal tar-raħal: kull meta kienu jilmħu lil Salvu għaddej mit-toroq, kienu jinħbew wara l-kantunieri u b'ħanġra daqshiex jibdew igħajtu: "Ah Surġent! Warrbulu lis-Surġent!"

Salvu kien jisimgħu dan il-kliem, u għad li kien jagħmel ta' bil ruħu li ma tax kas tat-tfal, ġo fih kien iħoss bħal min qed jinfidlu qalbu b'sikkina. Kien iġarrab dwejjaq kbar għal kliem bħal dan, għax hu kien jaf li qatt ma waġġa' qalb ħadd, anzi kien dejjem lest biex igħin f'kollox lil min ikun bżonnu.

B'daqshekk xejn ma qata' qalbu u lanqas ma tnikker fil-qadi ta' dmiru, għall-kuntrarju xteħet aktar b'ruħu u ġismu għax-xogħol li kien daħal għalih. Beda jqatta' s-sigħat

jagħmel l-għassa mar-raħal kollu, jaqdi l-Ispettur f'kulma jkollu bżonn, u jiġbor il-listi u jqassam l-avviżi li l-Uffiċjal tal-Protezzjon kien joħroġ minn żmien għal ieħor.

Għad li ma wera xejn lil ħadd, mindu t-tfal kienu ħaduh fuq demm id-dras, bla ma kien jistħoqqlu, Salvu sar jobgħod lit-tfal kollha, u lil nieshom ukoll. Din il-mibegħda għat-tfal kienet ilha żmien tindehes f'qalb Salvu, iżda hu dejjem barrieha minnu. Issa ma felaħx jeqfilha iżjed, u lil dawk li qabel kien jaħrabhom biss, issa sar jobgħodhom daqs kieku kienu semm mill-agħar.

F'żgħożitu Salvu ħabb xebba mir-raħal tiegħu stess, imma din ma tatux wiċċ u żżewġet ma' ħaddieħor. Dak in-nhar li l-ħuttaba kienet wasslitlu l-bxara ħażina li Rożi ma kellhiex ħsieb ta' żwieġ, Salvu għela mhux ftit, u nġabar f'daru għal xi ġimgħa mingħajr ma ried jara wiċċ ħadd; u meta daqs xahar wara xterdet ix-xniegħa li Rożi kienet tgħarrset ma' wieħed bidwi, hu kompla ħadha f'qalbu iżjed għax fehem li Rożi kienet irruftat li tiżżewweġ billi ma ridetx tieħu lilu. Għal tul ta' biċċa żmien sewwa Salvu kien sar qisu ras maqtugħa, u biex iderri d-dwejjaq li kienu ħakmuh, beda ħajja ta' xalar u taħbit bla hedu.

Biż-żmien irnexxielu jinsieha lil Rożi, imma meta għaxar xhur wara ż-żwieġ tagħha sama' li kellha tarbija, tfal b'għajnejh ma satax jara iżjed, għax kien jaf li hu ma sata' jkollu qatt tfal tiegħu. Qalbu kienet tħenn għal kullħadd, biss fejn ikun hemm it-tfal kien iwarrab u jsib xi mkien ieħor mingħajrhom. Meta, imbagħad, it-tfal bdew jagħmlu għalih, il-ġerħa li kien ilu marid biha żmien twil, minflok ma fieqet, iċċarrtet aktar u fakkritu li hu ma kienx jista' għat-tfal billi lil min ħabb ma kenitx riditu. Sewwa sew f'dan l-istess żmien u, bla ma jaf il-għala, beda jħossu jinġibed mill-ġdid għal Rożi. Mingħajr ma jrid, kien igħaddi sikwit minn ħdejn ir-razzett tagħha u joqgħod jitnikker f'dawk l-inħawi għal kull fettuqa li kien jiltaqa' magħha.

Dan beda jsir meta l-Ġermaniżi kienu qegħdin jagħmlu attakki kull fil-għaxija u jwaddbu kull fejn jiġi bombi tal-ħruq.

Lejl minnhom, milli jidher, kien imiss lil Ħal Warda. Ftit wara li daqqew is-sireni u n-nies ġriet u sikennet fil-blat, instama' twerdin ta' ajruplani mill-bogħod, waqt li l-ajru mtela bi sriebet twal ta' dawl ifittex.

L-ajruplani tal-għadu ħarbu d-dawl, telqu fl-ajru ħġejjeġ li dawlu nofs Malta, imbagħad għodsew wieħed wara l-ieħor lejn l-art, u qabel ma ippuntaw rashom il fuq biex itiru lejn is-sħab, żergħu kemm bombi kienu ġarrew magħhom. Minn għalihom li kienu laqtu min jaf liema ajrudrom jew fortizza, u minflok hekk, jaħasra, il-bombi tagħhom tferrxu mar-raħal żgħir ta' Ħall Warda, fejn kien għadu qatt ma deher l-iċken armar tal-gwerra.

Billi l-bombi kienu tal-ħruq, hekk kif messew ma' l-art, ħarġu minnhom ilsna tal-waħx, li qabbdu nirien f'bosta nħawi tar-raħal.

Fi ftit ħin, it-toroq ta' Ħall Warda mtlew bin-nies ta' l-A.R.P., b'Pulizija u Kunnistabblijiet Speċjali, kulħadd jiġri lejn il-postijiet li kienu ħadu n-nar. Bosta rġiel ħarġu mill-kennijiet tal-blat u ngħaqdu ma' l-oħrajn għall-għajnuna. Ma għaddiex wisq żmien li ma nstemgħetx iċ-ċempila tal-karrozza tat-tifi u minnufih dehret għaddejja tiġri u ħafifa mat-toroq dojoq ta' Ħall Warda.

Daqsxejn 'il barra mir-raħal kien hemm razzett li minnu ma kenitx tinstama' s-sirena. Sewwa sew fuqu niżlet waħda mill-bombi tal-għadu, qabbdet is-silla li kien hemm fil-bitħa, u ma dametx wisq ma tellgħet ilsna ta' nar mogħla knisja. Sa ma waslu n-nies ta' l-A.R.P. il-bini laħaq sar ħuġġieġa waħda, tant li kulħadd qagħad daqsxejn imwarrab billi n-nirien kienu qegħdin jarmu sħana ta' l-infern.

Kien hemm wieħed li staqsa: "Min minna sa jidħol biex jara hemmx nies ġewwa?"

Ħadd ma resaq il quddiem, anzi kien hemm ieħor li qal: "Ma tarax li jkun kollu ta' xejn? Min jidħol f'dak in-nar ma joħroġx ħaj żgur."

Waqt li qed igħid hekk, minn qalb l-ilsna tan-nar dehret xi ħaġa sewda riesqa 'l barra. Kull minn kien hemm ħass nifsu jeqaflu. Kulħadd xtaq igħin, imma l-ebda wieħed ma ssogra jagħti pass il quddiem. Jixxengel qisu wieħed fis-sakra, ħareġ raġel iħaddan miegħu tarbija. Hekk kif ħeles min-nar, stabat nofsu għaxi ma' l-art bit-tarbija b'kollox. L-irġiel ġrew madwaru, ħirduh mit-tarbija, u qalbuh wiċċu 'l fuq. Kien Salvu Vella.

"Għad fadal tnejn min-nies oħra," qal bi tbatija kbira u kemm kemm jiftiehem, "Morru għalihom."

Lil Salvu u lit-tarbija ġarrewhom bla telf ta' żmien f'ambulanza lejn l-isptar, fejn sabu tobba kollhom ħeġġa biex jagħmlu li jistgħu ħalli jagħtuhom saħħithom mill-ġdid. Imma x-xogħol tat-tobba f'daqshekk ma kienx ħaġa ta' xejn, billi kien hemm il-biża' li Salvu u t-tarbija setgħu laħqu nħarqu minn ġewwa.

. . . . . . . . . . . . . . . . . .

Erba' xhur wara li ġara dan, Salvu għadda għall-ewwel darba mit-toroq ta' Ħall Warda mfejjaq għal kollox. Miegħu kellu tifla ta' sentejn, iżżommlu f'idu qisu kien missierha. Kienet it-tifla li ħeles min-nar. Missierha u ommha ma kenux laħqu ħarġu mid-dar u mietu jissieltu man-nirien.

Għal Salvu dik it-tifla kienet it-tifkira waħdiena ta' Rożi li kienet inħarqet bin-nar tal-bombi li xeħet il-għadu fuq Ħall Warda.

Vic. Apap.

# MADLIEN

*(Ġrajja tassew)*

Kien jismu Wenzu u jsejħulu: Madlien, mhux għax Madlien kien laqmu, iżda biss isem ommu: xwejħa ta' xi tmenin sena, li b'inkejja ta' dak il-għadd sabiħ ta' żmien, kienet iġġibhom sewwa: fuq ruħha, wieqfa, ħafifa: għajnejha żoroq u jleqqu b'ħaddejha u ġbinha bla tikmix.

L-omm u l-iben kienu jgħammru flimkien, fi sqaq, ix-xatt tal-Kalkara li jħares lejn l-isptar ta' Bigi, u lejn il-Belt; ma' xellug l-ixprun ta' Kastilja, il-Birgu, jagħti għal Kastell Sant Anġlu. Fil-kalanka ta' quddiemhom, dgħajjes, frejgatini, lugrijiet bil-qtajja' u xi skuna wkoll. Mad-dwejra ta' Madlien kien hemm ukoll naqra ta' ġnejna u għalqa, imdawrin b'ħajt tas-sejjieħ, u 'l hawn u 'l hinn sigar tat-tin, bajtar tax-xewk, u fil-ħamrija tan-nofs, kienu jiżirgħu skond iż-żmien: ful jew patata.

Fil-ġnejna kienu jħawlu: insalata, burdlieqa għal kanari, merdqux, nagħniegħ u dawk l-imnut oħra meħtieġa sew għat-tisjir kemm bħala għalf għall-agħsafar.

Fis-Sajf in-nies tal-Birgu u ta' Bormla, waqt il-passiġġata sal-Kalkara, kienu jidħlu s-Sqaq ta' Madlien u b'sold jew b'anqas jindafru dafra bil-bajtar ta' Għindja, jew bil-bajtar ta' San Ġwann. Għal xi t-tlieta ta' wara nofs in-nhar, leħen Wenzu Madlien kien jidwi mat-toroq tal-Birgu u jgħid: "Insalata u burdlieqa għall-kanari; tursin u nagħniegħ!" In-nisa jixirfu mill-bibien, jew mit-twieqi, igħajtulu u dan minn ġo qoffa tal-qasab, imdendla wara dahru, kien inewlilhom dak li jixtiequ, iżda aktarx xi ponn insalata li tissejjaħ *Eruka*, b'xi tliet ħabbiet jew iżjed, u min għandu l-agħsafar kien jieħu xi sitta burdlieqa.

Taħsbu, jewilla, li dal-bejjiegħ kien bħal dawk ir-raħħala li aħna mdorrijin niltaqgħu magħhom, ħafjin mxammrin, u mkasbrin? Le! Kien iżomm ruħu nadif, bil-leħja mqaxxra, biż-żarbun, u bi qmis bajda daqs il-ħlift. Għal min hu bħalu, kellu tassew edukazzjoni barranija, ċerimonji u riverenzi kemm trid. Lix-xerrejja, jekk huma nisa, dejjem iweġibhom b'*Sinjora*, jekk irġiel: *Sinjore*.

Iżda biex tara 'l Madlien fl-aqwa tiegħu, trid tiltaqa' miegħu nhar ta' Ħadd, ġej mill-Kalkara, biex jisma' l-Quddiesa Kantata, jew għal xi pirċissjoni, wara nofs in-nhar. Tistħajlu xi markiż jew xi konti. Kappell *bowler* iswed f'rasu, u surtun tal-pannu miftuħ minn quddiem biex iħalli s-sidrija bajda tidher b'polka jew katina tad-deheb b'xi tliet muniti jew domni iċenċlu; qmis ta' l-Olanda bil-piegi quddemin, maqfula bil-buttuni tal-madriperla; qalziet tad-drill, u żarbun abjad. F'idu l-leminija umbrella flok bastun, u fix-xellugija, jew taħt abtu, aktarx f'sorra jew maktur, kunfratija, muzzetta kaħla u kuruna tal-madriperla mgeswrin fih. Ħarsu lejh, x'ġej im-dandan, b'dik il-mixja meqjusa u jiżżegleg, tistħajlu s-Sur Duttur. Kellu azzjonih tajba u kulħadd kien iħobbu. Malli jilmħuh ġej, min tassew u min biċ-ċajt igħidlu. "O Sinjor Lorenzo come state?" "Bene, bene, grazie," kien iwieġeb, u u jibqa' nieżel it-taraġ taz-Zuntier li mill-misraħ jagħti għall-Oratorju u minn hemm għall-bieb tal-ġenb ta' San Lawrenz, jibqa' dieħel l-Oratorju tal-Kunċizzjoni jew jaqbad siġġu u jisma' l-Quddiesa Kantata.

"Madlien, u s-Surġentina?..."

"Eh, ma' dik non si ċajta, dik tiegħi ma joħodhieli ħadd, għax meta l-Monsinjur Dun Franswa kien Ruma ġiebli minn għand il-Papa, li fil-Pirċissjonijiet nibqa' dejjem inżommha."

U fil-ħin kien joħroġ, mill-but ta' wara tas-surtun, biċċa karta mkagħbra u mċarrta sforz kemm infetħet u ntwiet, miktuba bil-franċiż, u fil-waqt li juriha: "Araw in-Nokument u l-Imboll tal-Papa. Min jista' għalija?" U tassew li ħadd, qatt ma ħadhielu, għaliex fil-Fratellanza tal-Kunċizzjoni, barra dak li jerfa' l-Istandard, ma kienx ikun hemm fratelli għajr Madlien waħdu.

Trid tara lil Madlien fil-pirċissjonijiet u tistagħġeb b'indaftu; kapoċċ iżjed wieqaf minn tan-*Nurses*, muzzetta kaħla bla tikmix jew tbajja'; kunfratija miżgħuda bil-piegi; kurdun abjad, b'kuruna tal-madriperla, b'ġummiena tad-deheb u domna fit-tarf. Fl-aħħarnett, żarbun abjad mogħti l-pajpli. Iżda: is-Surġentina, is-Surġentina?!! Is-Surġentina f'idu, dejjem f'idu, b'inkejja li Fratelli ma hemmx x'iqassam.

Wenzu Madlien ma kienx iblah, iżda biss analfabeta, bħal kotra kbira ta' żmienu. Kien bniedem dħuli, twajjeb u nadif tazza, bħalma wrejtkom. Iżda, nies ħawlin mill-karità nisranija waħħlulu f'rasu l-privileġġ tas-Surġentina, mogħti lilu mill-Papa, u mbagħad dik ta' Kavalier. Tistagħġbux, jekk bala' dawn il-ħrejjef? Nies ta' qagħdajgħolja fis-soċjetà, serji, li jafu dmirhom, struwiti, imsejknin kienu wkoll mqarrqin u waqgħu fix-xibka bħal Madlien. Sefsef il-lum u sefsef għada, fl-aħħar dad-daqsxejn ta' moħħ jimrad u jitħassar, bħal plakka tal-fotografija meta fuq ix-xbieha tajba li tkun ħadet għal darba tnejn, tlieta, tagħtiha xbihat ġodda. Din tiswied u titħassar. Il-bniedem għalhekk jimrad b'dik li tissejjaħ *megalomania* u jibqa' issuġġestjonat sa ma tiġi għalih Ċensa l-mewt, u minn dak kollu li għadda ma' tul ħajtu tibqa' biss xi tifkira bħal dik ta' Wenzu Madlien, bejjiegħ l-insalata, Kavalier, u Fratell tal-Kunċizzjoni bil-jedd li jżomm ma' tul ħajtu is-Surġentina tal-fidda!!!

4/9/'42 K. G. M. F.

# IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

(MIS-SENA 1935 'IL HAWN)

Fit-tieni ktieb ta' IL-MALTI ta' l-1935 Dun Karm, li kien il-President tal-"Għaqda", fisser kif tnisslet, x'kellha tagħmel u x'għamlet sa dak iż-żmien IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI. Mhux kliem ħeragħ jew tlablib bla ħtieġa, imma fatti mwettqa mill-Għaqda ma' tul l-ewwel snin ta' ħajjitha li kienu, bla ebda tmegħir ta' xejn, mill-eħrex snin li qatt rat. Minn awl-id-dinja kull ħaġa fil-bidu tagħha, sakemm tixxettel, tikber u ssir, issib ma' tul it-triq ta' dmirha xkiel bir-radam u twegħir tal-biża'. Iżda ma ninsewx li xejn ma hawn akbar, isbaħ u aħjar minn dawk il-ħwejjeġ li għarfu jikbru u jogħlew wara li bid-dawl ta' deħenhom u bil-ħila ta' qlubithom għelbu u rebħu kotra ta' tiġrib u ta' tfixkil.

Hekk il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Għall-ewwel, xejn sabiħ u kbir ma kien hemm xi jħajjarha timxi 'l quddiem, ħlief il-bżulija u l-ħeġġa msieħba mal-ħila letterarja tal-membri tagħha li kienu ftit fil-għadd, imdawra bl-egħdewwa u mfixkla sa f'kull pass li jmiddu. Bħala Segretarju tal-"Għaqda" f'dawn l-aħħar erba' snin inħoss li ninsab f'pożizzjoni li nista' nagħti tagħrif bir-reqqa dwar il-ħidma u s-siwi tagħha, li l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" wettqet mis-sena 1935 'il hawn: seba' snin li fihom rajna s-sabiħ u l-ikraħ jitħalltu, seba' snin li ma' tulhom sibna kull tqawwih il-qalb mill-ħbieb u kull tfixkil mill-egħdewwa, rajna ħrara, ħerqa u ħidma bla tarf, kotba jiżegħdu bil-qabda, il-letteratura maltija minn tarbija tat-twelid tikber fi xbejba għolja, b'saħħitha, u ta' ġmiel li jgħaxxaq, u l-Ilsien Malti f'żagħżugħ imġissem, mibrum, u ta' qawwa li taf tegħleb u tirbaħ. Ħaġa qatt ma naqset: it-tfixkil—it-tfixkil qarrieqi u l-għira ġiefja ta' min jistmell ħidmitna. Imma biex jagħmlu tajjeb għal dan hemm il-ħila, il-ħeġġa, u t-tama li fl-aħħar kollox jissaffa fis-sema letterarju ta' Malta b'ġid u b'riżq Ilsienna.

* * *

Il-Għaqda dejjem bniet il-fehmiet tagħha fuq is-sisien li waqqfet sa mill-ewwel żminijiet, jiġifieri, li taħdem u żżomm l-ortografija magħżula minnha fil-kitba maltija, u

li taqbeż għall-jedd li għandu l-Ilsien Malti, u tmexxi u xxerred il-letteratura tiegħu. It-tħabrik kollu tagħha kien l-ewwel u fuq kollox li tressaq quddiem il-poplu Malti ortografija waħda, u li tnissel ġibda sabiħa lejn Ilsienna fost it-tfal u ż-żgħażagħ għax taf li mill-ġidd li kien tiela' kien jiddependi ħafna l-kobor tal-Lsien Malti.

U l-ħsieb tagħha kien ħabib is-sewwa.

Wara l-qerq ta' min, moħmi b'idijat politiċi u mġennen wara l-Isien barrani, li kien jaħseb u jġagħal lil min jaħseb li hu l-ilsien tal-kultura tagħna, l-Ilsien Malti, mgħallem fuq is-sisien imwaqqfa mill-Għaqda, b'riħet il-ħidma bieżla ta' ħbieb ħabrieka li fehmu, xerrdu u għallmu s-setgħat moħbija ta' lsien art twelidna, l-Ilsien Malti—skond ix-xewqa ta' ħafna—fl-aħħar daħal fl-Iskejjel Elementari u, wara, fl-Università.

Iżda ma kienx biżżejjed it-tagħlim biss ta' l-ortografija biex iħajjar u jiġbed it-tfal u ż-żgħażagħ għat-tagħlim ta' Lsienna. Kienet tinħass sewwa l-ħtieġa li jħittxu joħorġu kotba, miktuba bis-sengħa, b'saħħa ta' idijat li jogħġbu, neqsin minn kull sentimentaliżmu fieragħ, mimlija bil-ħajja naturali li jaf inissel fihom l-awtur, mirquma b'xejra ta' kitba qawwija. Dawn il-kotba mixtieqa u meħtieġa bdew ħerġin, wieħed wara l-ieħor, jinqraw u jingħoġbu. Issa ktieb tal-poeżija u issa rumanz, issa xi dramm mibni tajjeb inkella xi ktieb li jitkellem fuq xjenza, issa xi grammatka bil-Malti jew bl-Ingliż, u issa xi ktieb ta' kritka, u hekk fi żmien sentejn jew tlieta mlejna l-baħħ li, b'għajb għall-Maltin ta' dari, ma mlewx ma' tul is-snin it-twal ta' qabel. Min qatt kien jaħseb li l-kelma maltija setgħet qatt tiltewa u titħaddem għal kull xejra ta' ħsieb u għal kull xorta ta' kitba?

* * *

Bħal kwiekeb li jleħħu f'sema mgħawwem fid-dawl tal-qamar, jiddu u d-dija tagħhom tixtered mad-dwar, titwaħħad u timla kullimkien bil-ġmiel u l-hena, hekk il-kittieba tagħna. Għaxqa ta' min jaf igħożż il-kitba s-sabiħa, dawn il-kittieba taw xogħlijiet mill-aqwa letterarji li l-lum, imkabbrin, nistqarru li huma wirt nazzjonali tagħna. Kittieba, kitba, u Lsien Malti! Tliet elementi marbuta flimkien f'rabta li ma tinħallx. Tliet elementi li mingħajrhom Malta titlef is-sura tagħha tabilħaqq maltija u jkollha titqanna b'ilsna u b'kittieba oħra barranin li, sbieħ kemm huma sbieħ u kbar kemm huma kbar, iżda mhumiex tagħha, mhumiex demmha, mhumiex ħajjitha. L-Ilsien Malti hu l-ogħna ġieħ ta' Malta maltija.

Min huma l-kittieba li trawmu fi ħdan il-Għaqda u li l-kitba tagħhom kattret bil-bosta l-ġmiel letterarju ta' Lsienna? Wisq mhumiex imma kitbithom hi kotrana u tajba. Wisq mhumiex, imma huma ħafna meta wieħed iqis li dawn kollha tista' tgħid għaxu, ħadmu u kitbu f'medda qasira ta' ftit snin. Mhux ħsiebi hawn li nagħti l-ismijiet kollha ta' kull min kiteb tajjeb bil-Malti u, minn naħa l-oħra, anqas ma jien ser nitkellem fuq il-kittieba kollha kbar, ħajjin u mejtin. Uħud mill-kittieba kbar jew mietu qabel ma twieldet il-Għaqda inkella, għal xi ħsieb jew ieħor, baqgħu barra minnha. Il-ħsieb tiegħi hawn hu li nagħti fil-qosor dak li jistħoqqilhom lil dawk li ħadmu għall-Għaqda u li għamlu isem kbir u sabiħ fl-istorja letterarja maltija.

ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI !—Kien hu li żara' l-ewwel żerriegħa tajba li tat egħlejjel sbieħ fil-qasam tal-letteratura maltija. Ilu nieqes minn fostna 15-il sena, imma ebda wieħed li fih iħoss xrara waħda ta' mħabba lejn Ilsienna, ma jista' jinsa li b'ħidmitu sfiqa kien hu li ta r ruħ u l-ġisem lill-Għaqda tal-Kittieba, li tagħha kien l-ewwel President, li kien hu l-ewwel Direttur ta' l-aqwa rivista letterarja maltija IL-MALTI, u li kien hu l-eżempju u l-ispirazzjoni ta' ħafna mill-kittieba li dik il-ħabta kienu bdew iterrqu tul il-ħafna mogħdijiet imwiegħra imma sbieħ tal-kitba. Ġużè Muscat Azzopardi kien prożatur u poeta, u kemm fil-proża u kemm ukoll fil-poeżija wera xi ssarraf il-pinna ħabrieka tiegħu. Mgħallem tal-kelma maltija, b'vokabolarju mogħni b'kull xorta u b'kull xeħta ta' frażijiet u idjomi, b'ruħu mdawla b'sentimenti ta' mħabba lejn it-Twemmin ta' Kristu u lejn Malta art twelidu, ħsebijietu mimlija bi xbihat kbar u qaddisa, ma setax jonqos li Ġużè Muscat Azzopardi ma jnaqqaxx ismu għal dejjem fil-ktieb tal-ġrajja maltija. Dan kien id-dawl li xegħel sabiħ fi triqtu u li dawwal it-triq tal-kittieba ta' warajh: "Alla magħna, għax ħsiebna safi u għamilna meqjus tajjeb, għax ma nfittxux ħlief il-ġid ta' għajrna. U la hu Alla magħna, il-bnedmin ma jifilħux għalina."

Hawn ħsiebna jmur fuq l-akbar poeta nazzjonali tagħna, DUN KARM, li ismu jibqa' għal dejjem miftakar u mfakkar minn ġidd għall-ieħor. Il-kobor u l-ġmiel tal-poeżija tiegħu ma baqgħux midfuna u magħluqa ġod-dawra tal-art li tħaddan 'il Malta, imma xterrdu 'l barra fl-Ingilterra, fi Franza, fi Spanja, fl-Italja, fil-Kajr, Lixandra, u kullimkien—f'kull art li taf tgħożż is-sabiħ, il-kbir u t-tajjeb fl-arti letterarja. Il-kobor u l-ġmiel tal-poeżija tiegħu wrew lid-dinja li Malta qiegħda ġmielha tagħmel sehemha fil-lettera-

tura tal-ġnus. Il-kobor u l-ġmiel tal-poeżija tiegħu kienu tweġiba siekta imma qawwija lil dawk li kienu jħaqquha li l-Lsien Malti hu lsien li tarmih għax bla siwi, bla ħajja, bla ġmiel.

Mhux ħsiebi hawn li nuri l-ġmiel letterarju fil-poeżija ta' Dun Karm (dan jien ġa għamiltu f'artiklu li ktibt fil-għadd ta' Diċembru tal-1941 ta' din ir-rivista), imma qabel xejn irrid fi kliem il-Professur Dun P.P. Saydon infisser ukoll illi "ħadem għall-Malti Dun Karm, u l-ħidma tiegħu ma sfatx fix-xejn...fehmtu kienet safja, ma kellux u la mniex jisthi, u lanqas mniex jibża'. Għalkemm qalbu, li dejjem ħabbet, weġġgħet, hu ħafer 'l-egħdewwa, baqa' miexi fit-triq li kien fiha, u t-tajn li tefgħulu tar lura minn fuqu u ħammeġ lil min tefagħhulu. Qalb ta' min iħobb 'l Alla u 'l għajru."

Malti ieħor li għamel il-ġid lil Malta u lill-Ilsien Malti hu SIR TEMI ZAMMIT, li fil-kitba tiegħu bil-Malti kien jinħeba taħt l-ittri T.Z. Hu, bla biża' xejn, jista' jingħad bħala l-akbar novellist Malti; in-novelli tiegħu fihom il-qawwa fit-tpittir tal-karattri daqs dik il-qawwa li tfakkarna fil-karattri ta' Dickens. Iżda mhux f'din ix-xorta ta' kitba biss, Temi wera għerfu; ma' Temi Zammit *in-novellist* nistgħu nżidu Temi Zammit *l-istoriku*, għax kien hu li kixef l-istorja bikrija ta' Malta, u li wera lid-dinja, b'kotba u artikoli bil-Malti, u b'ilsna barranin, xinhi Malta, u x'hemm maħżun ġo fiha.

P.P. SAYDON!—Min ma jafux ? Il-ħerqa, il-ħidma, il-bżulija, u l-imħabba tiegħu lejn il-Malti ġibdu l-qalb ta' ħafna. Il-Malti għalih ma jfissirx biss dik l-imħabba u l-ġibda li wieħed iħoss lejn is-sabiħ, imma wkoll is-sagrifiċċji li wieħed iħoss li hu fid-dmir li jagħmel sabiex ifarraġ il-maħqur u jhenni lill-imżeblaħ, u meta dan il-maħqur u dan l-imżeblaħ jinzerta jkun Ilsien art twelidek, is-sagrifiċċji twettaqhom b'qalbek kollha, bla misthija, bla lewma, bla biża'. Għalhekk daqs tnax-il sena ilu, naraw lill-Professur Saydon f'ras l-istudenti universitarji ħbieb tal-Malti, imtarrfin il-barra mill-Università, fejn ma ġewx imħollija jagħmlu l-laqgħat tagħhom tal-"Għaqda tal-Malti". Imma min ma jafx x'inhu biża' u x'inhu qtigħ ta' qalb, fl-aħħar joħroġ rebbieħ.

Għall-ħlewwa u għall-qawwa tal-proża tiegħu, il-Professur Saydon hi għadma iebsa tassew biex issib min jegħilbu. Għandu stil ta' proża, qawwi, mimli, ħelu. Min jaqra t-taħdita li għamel nhar it-8 ta' Settembru, 1936, min jaqra

l-artikli editorjali li kiteb f'"Leħen il-Malti", min jaqra l-kitba tiegħu fil-"Ward ta' Qari Malti", jara kemm kliemna hu minnu. Imma l-ħidma tiegħu għall-Malti tinqasam f'żewġt ishma: is-sehem li ħa bħala prożatur u s-sehem l-ieħor bħala traduttur tal-Kotba Mqaddsa bil-Malti, kotba maqluba minn ras il-għajn, mill-Lhudi, miktuba bis-saħħa tal-kelma Maltija, kotba fejjieda, ta' ġid, ta' siwi.

ĠUZÈ AQUILINA, Professur tal-Malti u tal-Ilsna Orjentali—Poeta mitwieled, għalkemm il-poeżija bil-Malti li kiteb tgħoddha fuq subgħajk ta' idek waħda, imma jistħoqqilhom post għalihom is-salmi "Miserere", "Il-Biki tal-Bniedem". u "Għadab il-Mulej". Rumanzier ta' qawwa, mogħni bi xbihat kbar u b'deskrizzjonijiet ħajja. "Taħt Tliet Saltniet" fih ifisser ċar dak li jħoss ġo qalbu: imħabba kbira lejn l-Ilsien Malti—dak l-Ilsien li hu jrid mhux biss ikabbar fil-ġmiel tal-letteratura tiegħu imma wkoll ixerred f'artijiet barranin, għax b'hekk hu jifhem li ġid akbar jista' jħassel Ilsienna, u hekk Malta tkun tista' toqgħod bla għajb u bla mistħija ħdejn pajjiżi oħra f'dik li hi saltna ta' letteratura. Bniedem ta' personalità kbira, ta' inizjattiva qawwija, u ta' fehmiet sħaħ u kbar.

ĠUŻÈ BONNICI! — Ma' dan l-isem huma marbuta ħafna mill-attivitajiet li b'riħithom il-Malti mexa 'l quddiem ħafna. Rumanzi? Kiteb minn tiegħu u ippublika ta' oħrajn. Poeżija? Għalkemm fil-poeżija kien jara waħda mill-fergħat ewlenin tal-letteratura maltija kif tabilħaqq hi, iżda, ngħiduha kif inhi, hu qatt ma kien poeta. Iżda b'daqshekk ħareġ u ta f'idejn il-qarrejja tliet kotba ta' poeta kbir—Dun Karm. Kotba ta' xjenza? Ħareġ "It-Tagħlim fuq il-Ġisem tal-Bniedem", mill-ewlenin f'din il-fergħa ta' kitba bil-Malti. Ħadem ħafna u ħabrek sħiħ bla ma beża' mill-kritka u mit-tmaqdir, u...bla ma qies li jfaqqar butu. Kien fost l-ewlenin li waqqfu u taw il-ħajja lill-"Għaqda tal-Malti (Università)" u lix-"Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti". Fi ftit snin il-ħidma tiegħu tat l-ilma tal-ħajja lix-xitla tal-Lsien Malti li mbagħad kibret f'siġra b'saħħitha bi friegħi mxerrda ma' kullimkien.

ĠUŻE GALEA!—Il-President tal-lum tal-"Għaqda tal-Kittieba"; ħaddiem ħabrieki u enerġiku fil-qasam ta'Lsienna; wara Dun Karm laħaq hu d-Direttur tar-rivista IL-MALTI. Fiż-żewġ rumanzi li tana "Żmien l-Ispanjoli" u "SanĠwann", wieħed isib xejra mill-isbaħ ta' kitba b'xgħil il-ħsieb qawwi, b'suġġetti mibnija fuq sfond storiku. Ix-xejra li qabad il-lum hi x-xejra tan-novelli: novelli kbar, sbieħ, ħjelija li ma

jistgħux ma jgħixux żmien twil l-aktar meta fihom hi mqaxxra fis-sabiħ u l-ikraħ tagħha l-ħajja tal-lum—ħajja li fiha ssaltan il-Mewt minn ħin għall-ieħor, il-ħsejjes tal-bombi ħaġa li ndrat, it-tiġrif tad-djar ħaġa li ssir ta' sikwit. Ġużè Galea hu novellist tajjeb, u bħal kull novellist ieħor tassengħa ma jħalli xejn jaħrablu mill-ġrajjiet li qed joktru l-ħin kollu madwarna. Sħiħ fil-fehmiet tiegħu, xejn ma jgħawweġ mit-triq ta' dmiru, hu dejjem baqa' miexi bla qatt ma qies l-egħdewwa tal-Malti, iżda b'ħidmitu fl-aħħar dejjem irnexxielu jegħlibhom u jirbaħħom. B'dawn il-fehmiet sħaħ il-lum qed imexxi l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Il-"Għaqda tal-Kittieba" taf ukoll lil NINU CREMONA, mill-ixjeħ u mill-aktar li ħabirku fost uliedha. Għal snin twal ilu jikteb il-Malti, u fix-xogħlijiet letterarji tiegħu nsibu poeżija, kitba bijografika, u dramm—l-ewwel dramm bil-Malti miktub kif titlob l-arti drammatika. Imma l-akbar ġieħ li jistħoqqlu, u li ma nistgħux ma ntuhulux għax hu kollu tiegħu, li hu minn ta' l-ewwelnett u l-akbar grammatku li għandna.

Bħala poeta żagħżugħ kbir jixraq insemmu lil ĠORĠ PISANI li l-poeżija tiegħu m'hi nieqsa xejn mill-ħsebijiet sbieħ u mill-lehma qawwija. Bħala poeta Pisani jistħoqqlu post minn ta' quddiem. Hekk ukoll it-Tabib RUŻAR BRIFFA li tana poeżija ħelwa daqs il-għasel bnin li tagħtina Malta.

Mhux ħsieb tiegħi hawn li niftaħar b'rixi, u ngħid xi ktibt u x'għamilt. Dak inħallih għal min irid jikkritika x-xogħlijiet tiegħi. Bizżejjed ngħid li nħossni mkabbar, u fl-istess ħin ferħan, li jien tħabatt minn qalbi għall-Għaqda tal-Kittieba u għall-għaqdiet u x-xirkiet l-oħra, li jien ħdimt għar-rivista letterarja IL-MALTI, u li nibqa' naħdem, inħabrek, u nxerred l-Ilsien Malti li miegħu rbatt qalbi u ruħi.

Ħadmu għall-Għaqda wkoll u għamlu ġieħ kbir lill-Ilsien Malti Patri Wistin Born, l-awtur ta' "Is-Salib tal-Fidda"; Nikol Biancardi, kittieb tajjeb tal-proża u tal-poeżija, ħaddiem ħabrieki tagħna; Patri Ġ. Delia, S J., poeta mill-aħjar; l-Avukat Anton Buttigieg li kiteb poeżija oriġinali, biċċa minnha deskrittiva; Ġużè Ellul li tana r-rumanz "Leli ta' Ħaż-Żgħir" u novelli sbieħ ħafna; Karmenu Vassallo, il-poeta tan-"Nirien"; Patri Pawl Tabone, kittieb tajjeb ukoll tal-Malti; u oħrajn.

Dawn huma dawk li bis-saħħa ta' ħidmithom u bil-ħila ta' deħenhom l-Għaqda tal-Kittieba setgħet iżżomm ħajja.

Huma li mexxewha tul is-snin minn toroq imwiegħra u mimlija ħotob. Dawn li wrew il-ġmiel moħbi tal-Ilsien Malti.

Malta letterarja ma tinsa isimhom *qatt.*

* * *

Issa xieraq induru dawra fuq fuq u nsemmu xi ħaġa dwar il-kotba maħruġa f'dawn l-aħħar snin: kotba mitbugħa minn membri tal-Għaqda fis-siegħa li l-aktar kellna bżonnhom. Taħt l-isem "Ġabra ta' Kitba Maltija" it-Tabib Ġużè Bonniċi rnexxielu joħroġ fiż-żmien qasir ta' sentejn tmien rumanzi l-ġmiel tagħhom, u minbarra dan ġabar fi tliet kotba l-poeżija kollha ta' Dun Karm: ħdax-il ktieb, ħdax-il warda li kibru fil-ġnien Malti. Fetaħ it-triq ir-rumanz "Anġli tan-Niket" ta' Ġinu Muscat-Azzopardi b'suġġett mibni fuq l-istorja, b'karattri maqlugħin mill-ħajja ta' żmien il-Franċiżi u b'oħrajn maħluqa, imma li kollha kemm huma fit-taħdit, fil-ġlied, fil-ferħ u fin-niket tagħhom tarahom ħajja jleħħu quddiemek. Imbagħad Ġużè Aquilina deher bir-rumanz tiegħu "Taħt Tliet Saltniet", rebbieħ ta' l-ewwel premju f'konkors imniedi mill-Gvern: rumanz ta' idijat qawwija, ta' ħajjiet kbar, ta' xbihat u deskrizzjonijiet sbieħ u mpittrin tajjeb u bis-sengħa. "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul u "Il-Qawwa ta' l-Imħabba" ta' Ġużè Bonnici messithom ix-xorti li jidhru wara. Dawn iż-żewġ rumanzi kienu li bdew jitfgħu dawl ġdid fil-letteratura tagħna għax kienu huma li bdew ipittru u jqaxxru l-ħajja tal-lum. Mhux storja qadima, mimlija b'egħmejjel ta' qlubija, ta' ħila, ta' demm, ta' taqtigħ u tislit, imma l-ġrajjiet li naraw quddiemna l-lum, il-ħajja kif narawha tingħax madwarna. Wara dawn, fis-sena ta' wara ħarġu għad-dawl "San Ġwann" ta' Ġużè Galea, "Is-Salib tal-Fidda" ta' Patri Wistin Born, "Ħelsien" ta' Ġużè Bonnici, u "Sħaba Sewda u Tnax-il Novella Oħra". Ma' dawn ta' min iżid ukoll li t-Tabib Ġużè Galea kien ġa ħareġ l-ewwel rumanz storiku tiegħu "Żmien l-Ispanjoli". X'għadd sabiħ ta' kotba fi żmien sentejn! Imma ma' dawn għad baqa'. Tliet-kotba oħra dehru fis-suq Malti: "Il-Għana ta' Dun Karm". Min ma jafx lil Dun Karm u l-poeżija tiegħu? Min qatt ma sema' bil-poeżiji kbar, li jħabbtuha fil-wisa' ma' tal-barranin, bħalma huma "Il-Jien u lilhinn Minnu", "Il-Musbieħ tal-Mużew", "Non Omnis Moriar", "Il-Għanja tar-Rebħa"? Dawn mhumiex ħlief ftit mill-ħafna.

Iżjed. Il-Professur Ġużè Aquilina u l-Professur Dun P.P. Saydon ħassew il-ħtieġa li jagħtu lil Malta letterarja tliet antoloġiji li fihom jiġbru l-aqwa xogħlijiet ta' l-akbar kittieba tagħna. "Il-Ward ta' Qari Malti", mqassmin fi tliet kotba mtarrġin, b'madwar elf paġna bejniethom ilkoll, wettqu x-xewqa ta' ħafna li kienu ilhom jistennew li jaraw antoloġija ta' kitba sħiħa u qawwija li fiha tħaddan is-setgħat kollha tal-Lsien Malti.

Il-Professur Dun P.P. Saydon f'medda ta' ftit snin tana wkoll għadd ġmielu ta' Kotba Mqaddsa, maqlubin mil-Lħudi. Karmenu Vassallo ġabar il-poeżija tiegħu "Nirien". Ninu Cremona sebbaħ il-letteratura tagħna bl-ewwel dramm Malti suret in-nies "Il-Fidwa tal-Bdiewa", minbarra li ħareġ ukoll kemm-il ktieb ta' grammatka maltija. Il-ġiżwita Sutcliffe u Miss May Butcher tawna żewġ grammatki maltin bl-Ingliż "The Grammar of the Maltese Language" u "Elements of Maltese". U Laurent Ropa, awtur Franċiż imsaħħar wara l-ġmiel tal-poeżija maltija, ippublika ktieb ta' poeżiji maltin bil-Franċiż "Poetes Maltais".

Ma' dawn inkun qed nonqos minn dmiri jekk ma nsemmix lil uħud mill-Maltin ta' barra li ħadmu għall-Malti. "Il-Għaqda tal-Kittieba" tat il-ġieħ li taħtar uħud minnhom Membri Onorarji tagħha. "Il-Għaqda" ma tistax ma tgħożżx il-kitba tagħhom. Dawn il-kittieba, għalkemm qed igħixu f'artijiet kbar barranin, fost elementi barranin, fost drawwiet u ilsna barranija, qalbhom baqgħet dejjem marbuta ma' kull ħaġa li hi Maltija. Ivo Muscat-Azzopardi, Laurent Ropa, il-Ġiżwita E. F. Sutcliffe, Toni Said, dawn huma fost l-ewlenin Maltin ta' barra li, b'idhom fuq qalbhom, ħadmu għat-tixrid u għall-ġieħ ta' Lsienna f'atmosfera mħallta b'kull xorta ta' ġnus u ta' ilsna. Ix-"Xirka għat-Tixrid tal-Qari Malti (Lixandra)", b'rieda qawwija li ma tafx tnikkir u li dejjem imxiet fuq sisien imwaqqfa mill-"Għaqda", tat lill-Malti t-tieni tbigħ taż-żewġ rumanzi storiċi ta' Ġużè Muscat Azzopardi "Ċensu Barbara" u "Ċejlu Tonna", "L-Akbar Imħabba" u "It-Triq id-Dejqa Nru 313" ta' Ivo Muscat Azzopardi, u "Minn Xtut in-Nil", ġabra ta' novelli.

Iżda, minbarra t-tixrid ta' kotba l-Għaqda kellha ħsieb ieħor quddiemha li fl-aħħar irnexxa wkoll, għalkemm mhux ftit kien it-tweġħir u t-tfixkil ta' min ma kienx jaħmilna: li żżomm ortografija waħda u xxerridha fost il-ġurnali u l-kittieba kollha. Tibda minn rivista letterarja u tispiċċa fl-inqas ġurnal politku, reliġjuż, hu xinhu, l-ortografija li

biha kulħadd qed jinqeda l-lum hi waħda: l-ortografija tal-"Għaqda".

Minn dan narawli issa tidher ħaġa ċara li seħħet u tibqa' sseħħ is-sejħa li għamel X. C. f'Settembru tas-sena 1920 f'ittra mibgħuta lill-"Habib", jiġifieri li l-Għaqda tħabrek biex tħajjar u kemm jista' jkun iġġagħal il-kittieba kollha tal-Malti jinqdew b'ortografija waħda, u xxerred qalb il-poplu kitba xierqa, sabiħa u qawwija, maħduma mill-imseħbin tagħha.

* * *

Kienet ħaġa xierqa u li swiet ta' ġid kbir li l-Għaqda tilqa' fi ħdanha kittieba ġodda, aktarx żgħażagħ mimlijin b'heġġa sabiħa u mogħnijin b'fantasija għammiela u b'xejra ta' kitba qawwija. Uħud minnhom għamlu isem sabiħ fl-istorja letterarja maltija. Kemm kien jinħtieġ li jidħol dan id-demm ġdid fil-ħajja tal-Għaqda tal-Kittieba jidher mill-fatt li l-attivitajiet letterarji tal-Għaqda bdew f'daqqa jikbru u jixterdu aktar. L-ewwel ma kien jinħtieġ li l-Kumitat jitbiddel sa mill-qiegħ, u għalhekk f'laqgħa ġenerali li saret fl-10 ta' Marzu 1940, inħatar Kumitat ġdid li ġie magħruf uffiċjalment mill-Gvern. Ħsieb sabiħ ta' dan il-Kumitat ġdid kien li jlaqqa' sikwit kemm jista' jkun lill-imseħbin kollha tal-Għaqda f'Laqgħat Akkademiċi, għax b'hekk aktar iħajjar lill-kittieba jiktbu u jagħtu xogħlijiet minn tagħhom. L-aħħar Kumitat ġdid li ngħażel kien fl-4 ta' Marzu 1942, u minn dan dritt inħatret Kummissjoni ġdida biex tieħu fi ħsiebha l-bini ta' Statut ġdid. Din il-Kummissjoni, imsawwra mit-Tabib Ġużè Galea, minn Dun Karm, minn Patri Pawl Tabone, mis-Sinjuri Ninu Cremona, Ġużè Chetcuti, Godfrey Zarb Adami, u l-Avukat Anton Buttigieg, mill-ewwel intefgħet għax-xogħol li kellha quddiemha u fi żmien xahrejn dan l-Istatut il-ġdid kien ħaġa mitmuma.

Fuq l-istess sisien, imwaqqfin u mxerrdin mill-Għaqda twaqqfu għaqdiet oħra bħalma huma "Il-Għaqda tal-Malti (Università)" li sal-lum għadha toħroġ ir-rivista letterarja tagħha "Leħen il-Malti," u x-"Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti," li xerrdet friegħi tagħha f'Għawdex. Ta' min isemmi li dawn iż-żewġ għaqdiet ta' kull ħmistax qed ixandru programmi letterarji bil-Malti minn fuq ir-Rediffusion. Dan l-aħħar ukoll kotra żgħażagħ tad-Dockyard tħajru jwaqqfu u waqqfu Għaqda tal-Malti, li kif qalu huma fil-bidu nett, iridu jimxu fuq dawk is-sisien u reguli mwaqqfa mill-Għaqda

tal-Kittieba għall-ġid tal-Ilsien Malti u għall-ġid tal-ħaddiema.

* * *

Il-ħruġ tar-rivista tal-Għaqda "Il-Malti" baqa' miexi, ma waqaf qatt, dejjem ixerred id-dawl tat-tagħlim tiegħu fost iż-żgħażagħ u jnissel fihom l-imħabba lejn Ilsienna li ma tinqeredx la biż-żmien u lanqas bil-kliem qarrieqi ta' min jobgħodna. Baqa' miexi, imma ftit u ftit wisq jafu liema taħbit u nkwiet stajna ltqajna miegħu biex issoktajna fid-dmir tagħna li nibqgħu noħorġu din ir-rivista. Fiż-żmenijiet imwiegħra li għaddejjin minnhom meta l-għadu bil-bumbardamenti tiegħu bla ħniena fixkel għall-ewwel xi ftit il-ħajja maltija, kienet tidher kważi ħaġa impossibbli li Għaqda letterarja qatt setgħet tibqa' toħroġ rivista letterarja. Imma min ma jafx bi qtigħ il-qalb l-aktar li jaħdem fuq dak li jidher impossibbli. Dak li ħafna kienu jaħsbu li ma setax ikompli jsir, aħna, b'fehma sħiħa u b'rieda li ma tafx tagħwiġ mis-sewwa, komplejna nwettquh u nkomplu, bil-għajnuna t'Alla, inwettquh bla biża' sa l-aħħar.

Ġużè Chetcuti

# Imbierek il-Mulej !

Imbierek Int, Mulej, li tgħix minn dejjem,
li ħlaqt fis-sebħ u s-sawwar dak li trid,
Imbierek Int li żżur sa l-iċken ħlejqa,
fik biss kull ħajja, fik id-dawl u l-ġid !

Iberkek kull ma ħlaqt bil-ġmiel li tajtu,
u Lilek b'dak li ttih iroddlok ħajr.
Il-bniedem biss jistagħġeb bid-Driegħ Tiegħek;
il-bqija, bla ma jafu, jroddu ħajr.

Huwa jistagħġeb bla ma jagħrfek sewwa,
u l-kobor tal-għerf Tiegħek jilmaħ f'ħuh.
Hu jaf xi trid, xi swielek w dak li tajtu
għax tajtu x-xbiha Tiegħek, tajtu r-Ruħ !

Pran. Camilleri

# Mill-qasbija tal-Lsien Malti

### 1. *Il-għ bħala radikali f'nofs il kelma.*

Il-*għ* bħala t-tieni radikali fil-kelma ma ttennix leħinha. Għalhekk flok *nagħgħal* ngħidu *niegħel*, flok *wegħgħed* ngħidu *wiegħed*, flok *qagħgħad* ngħidu *qiegħed*. *Bagħgħal*, nom (minn *bagħal*) *tbagħgħal* jitnisslu bil-*għ* imtennija għax hija l-*għ* ħarxa tal-Għarbi.

### 2. *Laqmijiet.*

Xi laqmijiet fil-Malti jissawru biż-żieda tas-suffiss *u* man-nom, li jwieġeb għad-desinenza *y* jew *ie* fl-Ingliż (*lofty*, *tobbie*) bħal *tabibu*, *ħadidu*, *bagħbusu*, *karusu*, *balalu*, *tebutu*.

### 3. *Għar-u-każa għalik.*

Tfisser *għajb* u *tmasħir* (jew *tmaqdir*) *għalik*. Din l-espressjoni hija magħmula mill-kelmiet *għar* (mill-Għarbi *'ar*—għajb) u *każa* (iktarx mill-Għarbi *haż'a* tmasħir, tmaqdir) fejn fil-Malti l-*h* tbiddlet f'*k*. Isem l-għemil *haż'a* (Belot: *moquerie*, *railerie*, eċċ.) ġej mill-verb *huż'a* (*rieur*, *moqueur*, eċċ.) *maqdar*, *iddieħak bi*, *masħar lil*. Minn *każa* ħareġ in-nom *każajri*, (*min jiddieħak bi*, *jmasħar*) u l-verb imnissel tas-VI forma *tkaża*. Eż: *Min jitkaża jaqa' fil-każa*.

### 4. *Ismijiet ta' għodod bla* m *preformativa.*

Xi ismijiet ta' għodod ta' għerq semitiku ma għandhomx l-*m* preformativa u jidhru bil-forma partiċipjali tal-verbi transitivi *qattâl-a*; *qattiel-a* u l-forma *qattûl* Eż: *karrâba*, *ħannieqa*, *sunnara*, *barrada*, *serrieq*, *barraxa*, *suffara*, *dussies*, *tuqqala*, *sellum*, *deffun*, *deffus*, *qandul*, *fettul*.

### 5. *Kostruzzjoni ta' l-Aġġettiv.*

a) Aġġettiv fil-positiv imur wara n-nom jew pronom: *Raġel qawwi*, *żmien twil*, *mara godlija*, *hija għaqlija*.

b) Aġġettiv fis-Superlativ Relativ imur qabel in-nom : *L-aqwa fost ħutu*, *l-isbaħ żmien*, *l-itjeb tabakk*, *l-iżjed bniedem għaqli*. Is-Superlativ Relativ jitqiegħed bħala predikat wara pronom personali fejn warajh hemm miftiehem il-verb *kien* (to be. *copula*). *Jien l-iżjed bikri dal-għodu*. *Huwa l-aħjar wieħed fost sħabu*.

ċ) L-Aġġettiv fis-Superlativ Assolut imur wara u mieghu tiżdied avverbjalment waħda mill-kelmiet jew espressjonijiet: *wisq*, *għall-aħħar*, *qatigħ*, *bil-wisq*, *kemm jista' jkun*, *nett*, *mill-aħjar*, *mill-agħar*, *mill-iżjed*, eċċ. *Dak il-ġnien sabiħ wisq. Ġanni mqit għall-aħħar. It-tifel ħelu kemm jista' jkun*, eċċ.

d) Aġġettiv fil-komparattiv imur wara n-nom jew pronom: *Dak it-tifel iqsar minn tiegħi. Huwa ifqar minni. Ġanni inqas qalbieni minni.*

Jiġi li l-aġġettiv Malti f'ħalq il-poplu jimxi fuq il-kostruzzjoni Taljana jew Ingliża: *Il-Kbir Appostlu Pawlu. Il-qaddis* jew *il-Beatu Labrè. Is-saħħar Falzun.* Ukoll meta l-aġġettiv hu Taljan: *Gran Alla, veru nisrani.*

Fil-Malti s-Superlativ jista' jitfisser ukoll billi wara l-Aġġettiv Positiv jitqiegħed nom ieħor li miegħu tixxiebah fil-grad il-kwalità mfissra mill-aġġettiv. (Ara *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija.* It-Tieni Ediz. par. 446, Barra mill-eżempji li tajt inżidu dawn ukoll: *Ikħal nir, abjad lift, tqil ċomb, nadif tazza, miblub xraba, għali infern, tari baqta*).

Is-Superlativ jista' jitfisser ukoll b'espressjonijiet bħal dawn: *Jinten pesta, ifuħ misk, sħun jagħli, jaħraq nar, li ma bħalu.*

## 6. *Il-pronom* ha *bit-tifsira ta'* it *(newtru) fl-Ingliż*.

*Ha* ma' preposizzjoni jew ma' verb bħala akkużattiv: *Xi trid tgħid biha? Kemm dam ġej biha? Din x'fiha? Fiha u ma fihiex. Ħadha miegħu. Ġiebha żewġ. Ibigħha bil-għali Kif inhu ħuk? Jilagħbha.*

## 7. *Il-kelma* qalb *fi frażijiet u qwiel Maltin.*

Qata' qalbu. Żamm f'qalbu. Qiegħed għal qalbu. Qalbu tajba, ħażina. Qalb (flok *fost*) in-nies. Ħabib tal-qalb. Għamilli qalb ta' sur. Il-qalb teħber. Kisirli qalbi. Djieq ta' qalb. Għidt f'qalbi. Qalbi sewda. Mar bil-qalb it-tajba. Bejtu f'qalbu. Ħruq ta' qalb. Għamel f'qalbu. Kiel għal qalbu. Kiel qalbu. Qalbu żgħira. Kull qalb trid oħra. Ruħi qalbi. Fetaħ qalbu miegħi. Konna qalb waħda. M'għandix qalb. Għamel il-qalb. Farraġli qalbi. Ħlewwa ta' qalb.

## 8. *Użu ta' Preposizzjonijiet imxebbhin ma' oħrajn jew ma' frażijiet oħra fl-Ingliż.*

Ħadtu *bi* żball—I took it *by* mistake. I mistook it.
Sama' *minnu*—He followed *his* advice.
Daħak *bi*—To laugh *at*.
Daħak *bih*—He cheated, deceived *him*
Ħallini *minnek*—Let jew leave me alone. Get along *with* you!
Ħadtu *biċ*-ċajt—I did not take him seriously.
Ħadt (kliemu) biċ-ċajt—I took (his words) *as* a joke.
Spiċċajt *minn* dak il-ktieb?—Did you finish *with* that book ?
Xi trid *minni?*—What do you want *of* me?
Bil-ħaqq!—By the way.
X'sar *minnek?*—What became *of* you ?
Eħles *minnu*—Get rid *of* him.
Qabeż *għal* rasu—He sprang headlong.
Mar *bid*-dgħajsa—He went *by* boat.
Mar *biż*-żiemel—He went *on* horseback.
Mar *bil*-karozzin—He went *by* cab.
Ma ġejtx *fiha* li inti ridt tkellimni—*It* escaped my mind that you wished to speak to me.
Ma ġejtx *fiha*—*It* did not occur to me.
Xrobna *bis* saħħa tiegħek—We drunk your health.
Ġejna wiċċ *imb*'wiċċ—We came face *to* face.
Ma nħossnix *fiha*—I am not feeling well. I am not up to the mark. I am out of sorts.
Ġejt *f*'tiegħi—I came *into* my own.
*Ta' min* igħidulek ? What is your nickname?
Fl-aħħar *minn l-aħħar*—After all. (emphatic).
Ħa *għalih*—He took umbrage.
Ħadem *għal* rasu—He worked *on* his own account.
*Bil*-ħabtiet—*By* fits and starts.
Darba waħda, Darba fost l-oħrajn—Once upon a time.
Għajjat *miegħu*—He reprimanded, chid him.
Qabeż *għalija*—He stood up *for me*, took my part.
Dak il-ħut żejjed mar fuq ir-rjus—That fish which was over was eaten unnecessarily (was wasted).
Mar *għal* xagħru—He bent *to* all his wishes, humoured him.

## TINQIX FIL-ĠNEJNA TAL-LSIEN MALTI

| *La tiktibx:* | *Iżda aħjar:* |
| --- | --- |
| Hu sata' jagħmel dan ħtija taċ-ċans li tawh. | Hu sata' jagħmel dan b'riħet (*jew* bis-saħħa) taċ-ċans li tawh. |
| M'humiex qegħdin jagħtu attenzjoni biżżejjed għall-qawwa tal-forzi Russi, eċċ. (*traduzzjoni iktarx letterali mill-Ingliż: To give too little attention to*, etc.) | Wisq ftit qegħdin jistmaw il-qawwa tal-forzi Russi, eċċ. (*jew* m'humiex qegħdin jagħtu importanza biżżejjed tal-qawwa tal-forzi Russi, eċċ.) |
| Ħass rasu titfawwar (Il-forma mnissla *tfawwar* minn *far*, intransitiv, bħala riflessiva tat-Tieni forma mhix grammatikalment flokha u għandha iktarx sens reċiproku bħal meta tgħid: *Ħass qalbu titkessaħ* flok: *Ħass qalbu tiksaħ*.) | Ħass rasu tfur (*jew* Ħass bħal fawra f'rasu). |
| Baqa' sejjer bla heda. | Baqa' sejjer bla hedu. |
| Aħna m'aħniex qegħdin niġu mitluba biex nagħtu ħajjitna, iżda li ngħixu mingħajr żina. | Lilna m'humiex jitolbuna li nagħtu ħajjitna, iżda li ngħixu mingħajr żina. |
| Din id-darba l-kefrija talgħadu kienet impinġija mit-*Times* bħala ħaġa li tkexkxek. | Din id-darba t-*Times* pinġa l-kefrija tal-għadu bħala ħaġa li tkexkxek. |
| L-għeliem kollha li għandna jġagħluna nifhmu, eċċ. | Minn dak kollu li jidher għandna nifhmu, eċċ. |
| Żmien ilu ħafna. | Ilu ħafna żmien (*jew* bosta żmien ilu). |
| Kull raġel b'saħħtu u kull mara b saħħitha qegħdin ikunu mħarrġa biex iwettqu xi sehem ta' fejda, eċċ. | Kull raġel b'saħħtu u kull mara b'saħħitha qegħdin jitħarrġu (*jew* qegħdin iħarrġuhom) biex jieħdu sehem ta' fejda, eċċ. |

Il-Ġermaniżi bnew xi furtizzi fuq it-tliet quċċatiet talmuntanja li ħadu. Dawn issa qegħdin jiġu maħbuta millkanuni Russi.

Il-Germaniżi bnew xi furtizzi fuq it-tliet quċċatiet talmuntanja li ħadu. Il-kanuni Russi qegħdin issa jaħbtu għalihom.

L-ajruplani Ingliżi mhumiex misbuqa minn ebda ajruplan ieħor fil-ħeffa u fil-qawwa ta' munizzjonijiet.

L-ajruplani Ingliżi ma jisboqhom ebda ajruplan ieħor fil-ħeffa u fil-qawwa ta' munizzjonijiet.

Bħalissa t-taqbida qiegħda tiħrax fuq il-frontijiet kollha. (fi kliem ta' Ilsna barranin li l-pronunzja tagħhom ma taqbelx mal-fonetika Maltija u ma' l-użu jistmerru d-desinenza *ijiet* tal-plural Malti; għalhekk għid aħjar *fruntiera, fruntieri* li huma wkoll iżjed f'ħalqna minn *front, frontijiet.*

Bħalissa t-taqbida qiegħda tiħrax fuq il-fruntieri kollha.

Ħmistax-il tunnellata bombi ġew mitfugħa mill-ajru fl-inħawi ta' Kiska. Xi vapuri Ġappuniżi iktarx li ġew meqruda u ieħor ġie mħassar.

Intefgħu ħmistax-il tunnellata bombi mill-ajru fl-inħawi ta' Kiska. Xi vapuri Ġappuniżi iktarx li nqerdu u wieħed saritlu ħsara.

L-istqarrija żiedet tgħid li minħabba f'hekk saru meħtieġa passi ta' tpattija. (il-forma grammatikali tannom minn *stqarr* hija *stqarra,* bħal *stmerr* u mhux *stmerrija,* minn *stmerr. Stqarr* għandu iktarx it-tifsira ta' iddikjara *lilu nnifsu ħati* eċċ. u għalhekk aħjar tintuża hawnhekk il-kelma: *dikjarazzjoni*—statement—jew *komunikat.*)

Il-komunikat żied igħid li minħabba f'hekk ħtieġ li jittieħdu passi bi tpattija.

a. c.

## IL-KUMITAT TAX-XIRKA GĦAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI (NADUR)

*Presidenti Onorarji*: L-Onor. A. V. Laferla, C.B.E., LL.D., Direttur ta' l-Edukazzjoni.
Is-Sur G. Ransley, Kummissarju ta' Għawdex.

*President*: Ir-Rev. Patri Pawl Tabone, O.F.M., J.C. & T.Mor. Lect. Glis.

*Viċi-President*: Is-Sur Kelinu Vella Haber.

*Segretarju*: In-Nutar G. Cauchi, LL.D.

*Ass. Segretarju:* Is-Sinjorina Ġiġa Portelli.

*Kaxxier:* Is-Sinjorina Salvina Portelli.

*Ass. Kaxxier*: Is-Sur Karmenu Sultana.

*Librar :* Is-Sinjorina Ġuża Camilleri.

*Membri :* Is-Sur Kelinu Grima, is-Sur Ġużeppi Debono, is-Sur Ċużeppi Said.

---

## IL-KUMITAT PERMANENTI TAX-XIRKA GĦAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI (XAGĦRA)

*President Onorarju*: Is-Sur G. Ransley, Kummissarju ta' Għawdex.

*President* : Is-Sur F. Camilleri.

*Viċi-President* : Il-Kjeriku Amante Buontempo.

*Segretarju* : Is-Sur Em. Apap.

*Ass. Segretarju*: Is-Sur M. A. Apap.

*Kaxxier* : Is-Sur Toni Scott.

*Ass. Kaxxier* : Is-Sur G. Galea.

:*Librar*: Is-Sinjorina E. Sultana.

*Imseħbin*: Is-Sinjuri G. Attard u G. Buhagiar.

# IL-GANDLIERI TA' L-ISQOF

(*Dramm f'att wieħed, imsejjes fuq ir-rumanz ta' V. Hugo—* Les Miserables—*u maqlub għall-Malti minn G.Z.A.*)

PERSUNAĠĠI—*L-Isqof, Il-ħabsi, Persome — oħt l-Isqof, armla, Marie, Surġent tal-ġendarmi, Żewġ ġendarmi.*

*Dehra*—Il-kċina fid-dar ċkejkna ta' l-Isqof, imgħammra bla żina, imma b'kull ma teħtieġ; fuq il-mejda ħdejn it-tieqa hemm Salib, sett tal-kitba u arloġġ ta' tmint ijiem ħabel; mejda tal-kċina b'armarju jinqafel; siġġijiet u kotba. Fuq il-farxa taċ-ċumnija hemm żewġ gandlieri sbieħ, li donnhom mhumiex flokhom qalb dik l-għamara fqajra.

Jidhru Marie u Persome—Marie tħawwad il-brodu u Persome tifrex it-tvalja.

P. Għadu ma bediex jagħli l-brodu Marie?
M. Għad, sinjura, imma ġa qiegħed ibaqbaq.
P. Ma kebbestux sewwa n-nar, mela, binti.
M. Sinjura inti stess ħadt ħsiebu in-nar.
P. La tweġibx lura; ma tistħix?
M. Ma nerġax, sinjura.
P. Mela tħallinix jerġa' jkolli għalfejn inċanfrek.
M. Le, sinjura.
P. Min jaf fejn qiegħed ħija? Il-ħdax daqqu u għadu ma jidherx; Marie!
M. Hawn, sinjura.
P. Monsinjur Isqof ħalla xi risposta għalija?
M. Le, sinjura.
P. Qallek fejn kien sejjer?
M. Iva, sinjura.
P. Iva, sinjura! (Tagħmel bħal Marie). Allura għax ma għidtlix mill-ewwel, ja belha l-int?
M. Għax ma staqsejtnix, sinjura.

P. Imma din tiegħek mhix raġuni tajba ħalli ma tgħidlix, hux tassew?
M. Dal-għodu stess għidtli biex ma npaċpaċx, għalhekk ħsibt....
P. Xi ħsibt! Meta?!
M. Iva, sinjura.
P. Toqgħodx tgħid 'iva, sinjura' qisek xi pappagall—belhal
M. Le, sinjura.
P. Fejn qal, il-Monsinjur, li kien sejjer?
M. Għand ommi, sinjura.
P. Għand ommok, e?! u għaliex?
M. Il-Monsinjur staqsieni kif inhi, u jien għidtlu li ma tantx kienet tħossha fiha.
P. Inti għidtlu li ma kenitx tħossha tajba, hux veru?... u għalhekk ħija jinsa l-irqad u l-ikel ukoll. Daqshekk tafhulu, hux, kull ma għamel miegħek?
M. Sinjura, il-brodu qiegħed jagħli.
P. Aqleb, mela, belha, u toqgħodx tpaċpaċ. (M. tibda taqleb, imma taqbeż P.)
P. Le, le, mhux hekk; ħa naqleb jien, u inti agħmel is-salliera fuq il-mejda—dik tal-fidda.
M. Tal-fidda, sinjura?
P. Iva, tal-fidda. Ma ngħidux li inti truxa wkoll?
M. Dik mibjugħa, sinjura.
P. Mibjugħa! (Imnixxfa fiha nfisha) Mibjugħa! Inti miġnuna? Min biegħha? Għaliex?
M. Meta int kont barra, Mons. Isqof qalli biex noħodha għand is-Sur Gervais, li kemm-il darba wera li kienet togħġbu ħafna, u nara li nġib fiha kemm nista'.
P. Imma int ma kellek ebda jedd tagħmel hekk mingħajr ma tgħidli.
M. Imma, sinjura lili l-Isqof qalli. (Imbeżżgħa u fl-istess ħin bil-qima kollha.)
P. Mons. Isqof hu...., imma għalfejn riedhom il-flus?
M. Skużi, sinjura, jidhirli li riedhom għax-xwejħa Gringoire.
P. Ix-xwejħa Gringoire, tassew?! Ix-xwejħa Gringoire! Dik is-saħħara xiħa li toqgħod fuq il-għolja, u li tgħid li ma tistax tqum mis-sodda għax għażżiena u sabiex ma taħdemx? U għaliex teħtieġhom il-flus ix-xwejħa Gringoire?
M. Biex tħallas il-kera, sinjura. Il-marixxall ma riedx jistenna aktar u heddidha li jixħetha 'l barra kemm-il

darba ma tħallsux; hi bagħtet lil Germaine għand il-Monsinjur biex jitolbu jgħinha u jeħlisha minn dik il-bixkla, u...

P. O Alla tiegħi ! Kollox għal xejn! Fl-aħħar ebda sold mhu ser jibqgħalna. Il-qasam tiegħi mibjugħ u kull ma faddalt mar—l-għamara, kollox. Li ma kienx għall-ġhież żgħir tiegħi, kieku konna mmutu bil-ġuħ u issa. (Imbikkija) Is-salliera, is-salliera tiegħi marret ukoll. Dan iżżejjed, iżżejjed ! (Tolfoq).

M. Sinjura jisgħobbija; li kieku kont naf....

P. Jisgħobbik ! u l-għala? Jekk il-Monsinjur jagħżel li jbigħ is-salliera tiegħu, jista' naħseb, hux ? Mur aħsel dawk l-idejn maħmuġin jintnu li għandek.

M. Iva, sinjura. (Twarrab u tmur fin-naħa tal-lemin). (Jidħol l-Isqof).

I. Għall-erwieħ x'daqsxejn sħana hawn; ta' min imur barra fil-bard għall-farġa li jħoss meta jerġa' jidħol ġewwa. (Persome tmur bil-ħeffa kollha tgħinu jinża' u Marie tagħmel riverenza quddiem l-Isqof.)

I. Grazzi ruħi. (Iħares lejha ċass). Kont qiegħda tibki, għaliex? (Lil P.) Inqala' xi għawġ ma' Marie? (Juriha b'sebgħu).

P. Le mhux Marie, imma, imma....

I. Ma jimpurtax, għidli minn hawn u ftit ieħor. Marie, binti, mur id-dar issa; ommok tħossha aħjar; jien qgħadt nitlob magħha u t-tabib ġie jaraha. Iġri lejn id-dar. (Marie tixħet mantar u thejji ruħha biex titlaq). U Marie, tagħmelx ħsejjes inti u tidħol, biex ma tqajjemhiex lil ommok jekk tkun rieqda.

M. Grazzi, grazzi ħafna, Monsinjur. (Tersaq lejn il-bieb tan-nofs, u kif tiftħu tidħol qabda borra.)!

I. Hawn Marie, hu x-xalla tiegħi biex iżżommok sħuna. Barra hemm ħafna ksieħ.

M. U le grazzi, Monsinjur. (Mistħija).

P. Tagħmilx ħmerijiet, ħi; Marie għadha żgħira u ftit tal-bard ma jagħmlilhiex ħażin.

I. Persome int ma kontx barra u għalhekk ma tafx kemm hu bard. Ejja Marie ħa nagħmilhielek jien. Sewwa, issa iġri lejn id-dar, ċkejkna. (Marie toħroġ mill-bieb tan-nofs.)

P. Ħi, qed nitlef kull sabar miegħek; oqgħod bil-qiegħda

u hu l-brodu li ilu maqlub ħafna; ikun ħaqqek jekk issibu kiesaħ.

I. Ifuħ ħafna.

P. Jiena żgura li omm Marie mhix hekk ħażin li kien hemm bżonn li inti ddum daqshekk barra, f'lejl bħal dan. Naħseb li dawn in-nies jagħmluha ta' bir-ruħhom morda biex l-Isqof imur iżurhom. Huma xejn ma jinkeddu mill-Isqof.

I. Hi tassew ħaġa sabiħa li jixtiquni mmur narahom.

P. Jien, iżda nifhem li l-ewwel ma għandek tieħu ħsieb hi rasek.

I. U għalhekk, mela, int tagħmel brodu hekk tajjeb. Int twajba wisq miegħi, oħt.

P. Twajba miegħek, mela le! Hekk naħseb! Nixtieq naf x'kien isir minnek li ma kontx nieħu ħsiebek jien. Tibla' kull ma jgħidulek il-brikkuni u x-xjuħ giddieba tal-parroċċa!

I. Bil-gideb huma jiftaqru u mhux jien.

P. Imma din hi biċċa tad-daħk; dalwaqt ma jibqagħlek xejn; int, tagħti kollox, kollox.

I. Ruħi, it-tbatija fid-dinja hi kbira, u jien jaħasra nista' nagħmel ftit wisq biex.... (Jitnieħed).

P. Tbatija.... iżda inti qatt ma taħseb kemm b'għamilek tnissel hemm f'qalb dawk li jħobbuk tassew.

I. Lilek, għażiża oħti? Jien weġġajtlek qalbek? Iva, qed niftakar; jiena u dieħel int kont qiegħda tibki. Tort tiegħi? Jisgħobbija; żgur mhux għax ridt.

P. Jisgħobbik tassew; imma b'daqshekk ma sewwejt xejn. Ħallini u kompli hu l-brodu qabel ma jiksaħlek għal kollox.

I. Tajjeb; iżda għidli għax kont qiegħda tibki.

P. Int qisek tarbija; ma nistax nafdak waqt wieħed biss. Malli ndawwar dahri, tqabbad lil dik il-mingħul ta' Marie tmur tbigħ is-salliera tal-fidda.

I. Is-salliera, jaħasra, veru! Kienet għal qalbek, hux tassew?

P. Iva, kienet ilha fil-familja tagħna żmien twil.

I. Iva, jaħasra, u kienet sabiħa wkoll imma mbagħad, il-aħħar mill-aħħar, wieħed jista' jieħu l-melħ ukoll minn salliera tal-kina.

P. U jekk niġu f'dan, lanqas ma neħtieġu l-platti. Ser naslu f'hekk, hux veru? Nistagħġeb kif dik ix-xwejħa brikkuna ta' Gringoire kellha l-wiċċ terġa' tibgħat hawn

darb'oħra. Tant għidtilha l-aħħar li ltqajt magħha li kliemi kellu jkollu xi effett fuqha.

I. Tassew! Jien offrejtilha biex tiġi tqatta' xi jumejn hawn magħna, imma hi tatni x'nifhem li tibża' li ddejqek.

P. Iddejjaqni!!

I. U l-Marixxall—raġel tal-ħaqq—ma riedx jistenna aktar għall-kera. Ma għandix għalfejn inżid ingħidlek li allura kelli nħallsu jien.

P. Int kellek tħallas.... (Turi li qatgħet jiesha minnu).

I. U billi ma kellix flus, ma stajtx nagħmel ħaġ'oħra ħlief inbigħ is-salliera.... Xortija ma kenitx ħażina sa l-aħħar, hux tassew! (Jitbissem) Imma jisgħobbija li weġġajtlek qalbek.

P. Lilek ħadd ma jista' jġiegħlek tbiddel ħajtek. Darb'oħra tbigħ il-gandlieri.

I. (Ħosbien ħafna) Le, le, oħt, il-gandlieri le.

P. U l-għala le? Bil-flus li ġġib minnhom tkun tista' tħallas il-kera lil xi ħaddieħor.

I. Inti tassew twajba oħt, biex taħseb hekk; imma jien ma rridx inbigħhom. Dawk tathomli ommi meta kienet qiegħda tmut, wara li twelidt int, u talbitni nżommhom b'tifkira tagħha; għalhekk nixtieqhom jibqgħu għandi, għalkemm hu forsi dnub li wieħed jintrabat daqshekk magħhom.

P. Ħi, int qed tiksirli qalbi. (Imbikkija). Tgħidx aktar; berikni; jiena sejra norqod.

(L-Isqof jagħmel is-sinjal tas-Salib u l-kliem igħidhom minn taħt l-ilsien).

(P. tagħlaq l-armarju, tieħu ċ-ċavetta magħha u hija u sejra lejn il-bieb tgħid....)

P. Iddumx ma tmur torqod, u toqgħodx taqra wisq għax tgħarraq għajnejk.

I. Le, ruħi; il-lejl it-tajjeb.

(P. Toħroġ min-naħa tal-lemin).

(L-Isqof imur lejn il-mejda, jiftaħ ktieb u jħares lejn il-gandlieri).

I. Tajbin tassew biex iħallsu l-kera ta' xi ħadd. Kemm hi twajba oħti!—biex jiġiha f'moħħha ħsieb bħal dan!

(Iħawwad il-faħam, jirranġa l-lampa, xi kotba u karti, u joqgħod bil-qiegħda, imma minn wiċċu jidher li ma jħossux fiha għal kollox u jitniehed.)

(Daqq ta' mużika; jidħol il-ħabsi fuq ponot subgħajh u b'sikkina f'idu; jaħtaf lill-Isqof minn wara).

Ħ. Jekk tgħajjat noqtlok.

I. Ħabib, kif qed tara b'għajnejk jien qed naqra; għax għandi ngħajjat? Nistax ingħinek f'xi ħaġa?

Ħ. (B'leħen maħnuq) Irrid niekol.... mejjet bil-ġuħ; ili tlitt ijiem ma niekol. Ja mgħarraq agħtini niekol. Malajr, malajr!

I. (Ħafif, ħafif) Iva, iva, ibni, ikollok x'tiekol. Ħa nitla' nġib iċ-ċwievet ta' l-armarju minn għand oħti. (Iqum bil-wieqfa.)

Ħ. Oqgħod bil-qiegħda.
(L-Isqof jobdi fil-waqt li jitbissem.)
Xejn minn dan, ħabib. Jien xiħ biżżejjed biex taqbadni f'nassa bħal din! Trid iċ-ċwievet minn għand oħtok? Trid titlob l-għajnuna wkoll, naħseb. Ħa, ħa... Ħsibtha tajjeb tassew. Isa, agħtini l-ikel; jien mhux iċ-ċwievet irrid. Għandi lupu ġo fija li qed iqattagħli msarni. Isa, fejn hu l-ikel?

I. (Minn taħt l-ilsien) Nixtieq P. ma kenitx taqfel l-armarju. (B'leħen għoli). Ma għandekx għalfejn tibża' ħabib; id-dar ma hawnx ħlief oħti u jien biss.

Ħ. U kif tridni nafu dan jien?

I. Ma għadnix kif għidthulek jien?
(Il-ħabsi jħares ċass lejn l-Isqof.)

Ħ. Xi trid tagħmel? Nissugraha... (Minn taħt l-ilsien).
(L-Isqof imur lejn il-bieb, in-naħa tal-lemin.)
Iżda iftaħ għajnek tidħak bija, għax daqs kemm hu żgur li hemm ix-xjaten, daqshekk ieħor tista' tkun żgur li nniffidlek qalbek b'din is-sikkina. Jien ma għandix x'nitlef.

I. Għandek ruħek x'titlef, ibni, u dik tiswa wisq aktar minn qalbi. (Imur in-naħa tal-bieb tal-lemin u jgħajjat) Persome, Persome!
(Il ħabsi lest bis-sikkina f'idu).

P. (Minn ġewwa.) Hawn jien. Xi trid?

I. Hawn vjaġġatur fqir u bil-ġuħ. Jekk għadek ma nżajtx, tista' tiġi tiftaħ l-armarju biex nagħtih xi ħaġa x'jiekol?

P. (Minn ġewwa.) Dal-ħin! Dan sewwa! M'aħna ser norqdu qatt? Jew ser noqogħdu miftuħin għal kull min ifettillu jiġi?

I. Imma Persome, il-vjaġġatur bil-ġuħ...!

P. Tajjeb, tajjeb, ġejja. (P. tidħol min-naħa tal-lemin u tilmaħ is-sikkina f'id il-ħabsi.)—(Imbeżżgħa) Hi, x'qed jagħmel bis-sikkina f'idu?

I. Is-sikkina! U, oħt, ħaseb li jien kont bigħt is-skieken tagħna... (Jitbissem kemm, kemm.)

P. Qed ibeżżagħni! Iċċassa jħares lejja qisu xi bhima feroċi!

Ħ. Ħaffef, eħlisni; agħtini xi ħaġa x'niekol.—jonkella nnif-fidkom it-tnejn.

I. Agħtini ċ-ċwievet oħt. (P. tagħtihomlu.) U issa, ruħi, mur erġa' orqod.

(P. tagħmel pass jew tnejn lejn il-bieb, imma l-ħabsi jaqbeż quddiemha.)

Ħ. Ieqaf fejn int. Ara li ebda wieħed minnkom ma jitlaq minn din il-kamra qabel ma nispiċċa jien. (Iħares ukoll lejn l-Isqof biex jara x'qed jagħmel).

I. Oqgħod hawn oħt, la darba jixtieq il-kumpannija tiegħek.

P. Tajjeb ħi. (Toqgħod bil-qiegħda ħdejn mejda, tħares ċass lejhom it-tnejn).

(L-Isqof sadattant imur iġib xi ħaġa mill-armarju, li jiftaħ biċ-ċwievet li tkun tatu qabel Persome.)

I. Hawn biċċa torta tal-laħam, flixkun inbid u xi ftit ħobż.

Ħ. Poġġihom fuq il-mejda u oqgħod 'l hemm biex inkun nista' narak.

(L-Isqof jagħmel kif qallu l-ħabsi; jiftaħ il-kexxun tal-mejda u joħroġ furketta u sikkina. Għajnejh jixħet-hom fuq is-sikkina li jkollu f'idejh il-ħabsi).

Ħ. Is-sikkina tiegħi taqta' biżżejjed. (Iġerri subgħajh fuq ix-xifer tagħha, waqt li jħares ħarsa li tagħtik x'tifhem). U l-furketta! (Jaqbadha f'idu Imm. azzar! (Jarmiha) Fil-ħabs ma nużawx frieket.

P. Ħabs!

Ħ. (Waqt li jkun qed jaqsam biċċa ħobż b'idejh jisma' ħoss u jinħasad).

Ħ. X'ħoss hu dan? Ħaqq ix-xjaten għax tħallu t-twieqi u l-bibien miftuħa biex kulħadd ikun jista' jidħol? (Imur jagħlaqhom.)

I. Għalhekk inħalluhom miftuħa, ibni...

Ħ. Imma issa magħluqin.

I. (Jitniehed) Għall-ewwel darba fi tletin sena!

(Il-ħabsi jiekol bħal muġwieħ u jixħet għadma fl-art).

P. Ara jaħasra kif qed iħammiġli l-art!
(L-Isqof jiġbor l-għadma u jqegħidha fi platt).

H. Inti ma tibżax mill-ħallelin?

I. Le... biss jisgħobbija għalihom.

H. Jisgħobbik għalihom! Ħa, ħa, ħa! (Jixrob mill-flixkun) Tajba din! Ħa, ħa, ħa! (Jixrob mill-flixkun għal darba oħra) (F'daqqa waħda jdur fuq l-Isqof) Int x'ix-xjafek int?

I. Jiena Isqof.

H. Ħa, ħa, ħa. Isqof! Isqof! Ix-xjaten joħduni—Isqof!

I. Nittama li ma tmurx għand ix-xjaten, ibni. Oħt tista' tħallina weħidna; is-sinjur jiskużak.

P. Inħallik ma'...?

I. Jekk jogħġbok. Jien u l-ħabib tiegħi nkunu nistgħu nitkellmu aħjar meta nkunu weħidna.
(Sadattant, billi l-ħabsi kien bil-ġuħ u xorob sewwa, l-inbid beda tiela' f'rasu).

H. X'inhi? Iva, iva, ħallina; mur; itlaq; jien irrid noqgħod inkellem lill-Isqof. L-Isqof! Ħa, ħa! (Jixrob mill-flixkun waqt li jidħak u għalhekk jixraq.)

I. Il-lejl it-tajjeb Persome! (L-Isqof jiftħilha l-bieb. Persome tgħaddi min-naħa tal-lemin. Meta tasal quddiem il-ħabsi tiġbor djulha u ddawarhom ma' riġlejha biex żgur ma jmissux mal-ħabsi.)

H. (Jidħak) Isqof! Ħa, ħa! J'Alla.... (F'daqqa waħda, b'leħen għoli) Taf min jien?

I. Naħseb li inti wieħed minn dawk li batew ħafna f'ħajjethom.

H. (Ħosbien) Batew! Batew! J'Alla! Iva. (Jixrob.) Imma dak kien żmien ilu. Ħa, ħa! Dak! kien meta kont bniedem, imma issa ma għadnix bniedem. Issa jien numru; in-numru 729.... u għixt fl-infern għal seba' snin sħaħ.

I. Kellimni fuq ħajtek; għidli fuq l-infern.

H. Għaliex trid tkun taf? (Jaħseb ħażin fl-Isqof.) Trid forsi tixlini lill-Pulizija? Biex jerġgħu jaqbduni...

I. Le, ħija; jien mhux ser immur ingħid lill-Pulizija.

H. (L-ewwel jagħti daqqa ta' għajn sewwa lill-Isqof—imbagħad—). Nemmnek.. (Iħoqq rasu) Imma ħaqq... ma nafx l-għala trid tkun taf..

I. (Iqiegħed idu fuq spalla tal-ħabsi) Igħidli fuq iż-żmien... fuq iż-żmien li kont fl-infern.

H. Tant ilu li nsejt... imma jien kelli dar ċkejkna; mal-faċċata tagħha kien hemm imxebilka xi dwieli... (Il-ħabsi jieħu xejra ta' wieħed f'ħolma)... kienu tassew sbieħ dawk id-dwieli bid-dawl tax-xemx jiddi fuqhom.. u l-aktar meta x-xemx tkun nieżla... u... kien hemm mara.. kienet... (Ħosbien aktar minn qabel)... kienet marti, iva. (F'daqqa waħda.) Iva niftakar. Kienet marida. Ma kellniex x'nieklu. Jien kont qiegħed— imkien ma stajt insib naħdem. Kienet sena tassew ħażina. Janette tiegħi kienet marida, qiegħda tmut... (Jieqaf għal ftit – imbagħd igħid igħaġġel — jaħtaf il-kelma.). Jiena sraqt. Sraqt biex ikolli x'nitmagħha. (Waqfa twila. L-Isqof imellislu idejh.) Qabduni. Tlabthom.. għidtilhom għaliex kont sraqt... iżda kollox għal xejn.. Minfuq qagħdu jidħku bija... u xeħtuni għaxar snin ġo ħabs. (Waqfa) Għaxar snin ġo l-infern. L-għada li sbaħt fil-ħabs il-kalzrier qalli li Janette kienet mietet. (L-ewwel jingħi waħda twila u mbagħad iheżheż snienu.). Alla jisħethom; ikunu misħutin ilkoll kemm huma! (Jinxteħet fuq il-mejda jolfoq).

I. Issa għidli fuq il-ħabs, fuq l-infern.

H. Tridni nkellmek, tridni ngħidlek fuq l-infern?. Ħares lejja. Jien darba kont bniedem; issa miniex għajr bhima. U *huma* għamluni hekk. Rabtuni minn idejja u minn riġlejja qisni xi bhima salvaġġa; sawtuni qisni xi kelb irrabbjat. Kont ingħix fil-ħmieġ u l-qżież; imdewwed minn rasi sa saqajja; norqod fuq il-qiegħa ta' l-art. U darba gergirt; reġgħu sawtuni... għal għaxar snin sħaħ. Alla! Kasbruli ismi; qatluli lil marti; ħaduli lil ruħi... u minn flokha xeħtuli xitan. Iżda għodwa waħda aljenaw ruħhom, insew jorbtu lill-bhima feroċi u hi ħarbet. Sirt ħieles; sitt ġimgħat ilu; ħieles, ħieles, iva, biex immut bil-ġuħ.

I. Tmut bil-ġuħ?

H. Iva. Jitimgħuk meta tkun fl-infern, iżda meta taħrab minn hemm tmut bil-ġuħ. Il-Pulizija kienet warajja u jien ma kellix passaport – bniedem bla isem. Jien sraqt għal darb'oħra... sraqt dawn iċ-ċraret... sraqt il-ħobża ta' kuljum; kont norqod fl-imsaġar, f'xi għorfa, fejn ġie, ġie. Ma nissugrax nitlob ix-xogħol, lanqas immur

f'xi belt nittallab għax jagħarfuni.... u għalhekk ikolli nisraq. Huma, huma għamluni ħalliel. Alla jisħethom ilkoll! (Jiżvojta l-flixkun u jixtħu fiċ-ċumnija, in-naħa tal-lemin — il-flixkun jitfarraq).

I. Ibni int batejt ħafna, iżda għad hemm tama għalik.

H. Tama! Tama! Ħa, ħa! (Jidħak iebes, iebes.)

I. Int imxejt ħafna u issa għajjien. Imtedd u orqod fuq das-sufan; issa nġiblek xi ftit tal-għata.

H. U jekk jiġi xi ħadd?

I. Ħadd ma jiġi; imbagħad jekk jiġi xi ħadd, m'intix il-ħabib tiegħi?

H. Ħabibek? (Imriegħex.)

I. Ħadd ma jkellem lill-ħabib ta' l-Isqof.

H. Ħabib l-isqof! (Iħokk rasu, miblugħ fih in-nifsu.)

I. Sejjer inġib il-għata.

H. (Iħares wara l-Isqof u jħokk rasu). Ħabib l-Isqof! (Imur lejn iċ-ċumnija biex jissaħħan u jilmaħ il-gandlieri. Iħares madwaru biex jara jekk hux waħdu, jaqbadhom f'idejh u jweżinhom biex jara jekk humiex tqal). Fidda, u tqal sewwa. X'qabda din! (Jisma' l-Isqof riesaq, u bil-għaġla biex iqiegħed il-gandlieri f'posthom wieħed minnhom jiżloqlu u jaqa' fl-art).

(Jidħol l-Isqof. Jara x'qed isir, iżda jmur lejn ix-xellug bil-għata.)

I. Jogħġbuk? Jien inħossni daqsxejn imkabbar bihom: huma rigal t'ommi; forsi daqsxejn sbieħ iż-żejjed għal dar fqajra bħal din; iżda lilhom biss għandi biex ifakkruni fiha. Is-sodda lesta. Ma timteddx?

H. Iva, iva; issa nimtedd. (Ħosbien.) Għidli ħaġa; għaliex inti hekk qalbek tajba miegħi? (Suspettuż.) Xi trid minni? Għidli.

I. Irridek torqod raqda tajba, ħabib.

H. Naħseb li trid tikkonvertini, issalvali ruħi, kif issejħulha intom. Imma għalxejn, tafx? Ma rrid nisma' b'ebda reliġjon. Imbagħad għall-knisja, xi ngħidu għaliha? Jien nobgħodha.

I. Mhux sewwa; il-Knisja, jaħasra ma tobogħdokx.

H. Inti ser tipprova tikkonvertini; ġietek idija tajba tassew, ħej; ħa, ħa! Le, le, Monsinjur Isqof, ma rrid nisma' b'ebda fidi, tama jew karità. Ifhimha darba għal dejjem — kull ma tagħmel miegħi tkun qed tagħmlu max-xitan. (B'leħen ta' sfida).

I. Kultant ikollna nagħmlu ħafna għax-xitan biex jirnexxilna nagħmlu ftit għal Alla.

H. (Bil-herra) Ma rrid nisma' b'ebda reliġjon qed ingħidlek.

I. Ma timteddx issa? Sar ħafna ħin.

H. Sewwa qed tgħidli. (Igerger minn taħt l-ilsien) Jien ma rridx nisma' priedki. (Jinxeħet fuq is-sufan). Żgur li ħadd ma jidħol?

I. Ma naħsebx. Mhux int stess għalaqtu l-bieb?

H. Min jaf? (Jerġa' jqum u jmur jara l-bieb hux magħluq sewwa. Idur u jara l-Isqof iżomm l-għata lesta f'idejh biex igħatti lill-ħabsi—jiddejjaq). Ara int mur fis-sodda. Jien nitgħatta waħdi. (L-Isqof jibqa' bejn ħaltejn, donnu ma jafx x'ser jibda jagħmel). Mur, mur, qed ingħidlek.

I. Il-lejl it-tajjeb, ibni. (L-Isqof jitlaq mill-bieb tax-xellug).

(Il-ħabsi jissamma' sakemm l-Isqof jitlaq għal kollox; imbagħad, fuq ponot riġlejh imur jara jekk il-bieb hux magħluq sewwa.).

H. Bla serratura! Alla jisħethom! (Jagħti ħarsa madwaru u jarġa' jilmaħ il-gandlieri). Mm. Nagħtihom daqqa ta' għajn oħra! (Jaqbadhom f'idejh u joqgħod jiflihom sewwa.) Jiswew kemxa sewwa, naħseb. Jekk nagħmilhom flus, nibda mhux ħażin. Jogħġbuh lix-xwejjaħ ukoll; qal li ommu kienet tathomlu. Iva, ommu. Ma ħasbux f'ommi meta xeħtuni l-infern! Tassew li kien ħanin miegħi, imma għalfejn hu Isqof ħlief biex ikollu qalb tajba... Webbes qalbek u ma nimmullawx aktar. Mur ara kemm jidħku sħabi kieku jaraw lis-729 jaħsibha darbtejn qabel ma jaqbad il-priża... għax iħoss ruħu twajjeb iż-żejjed! Tajba din, ħej! Noħodhom u nitlaq għax jekk nibqa' hawn sa filgħodu jibda jippriedkali u jrattabli qalbi. Ikun misħut hu u l-priedki tiegħu! Nitilqu. (Jaħtaf il-gandlieri, jaħbihom taħt il-ġlekk, u joħroġ fuq ponot riġlejh; jiġbed il-bieb urajh, iżda l-bieb iħabbat).

P. (Minn ġewwa.) Min hemm, min hemm? Mhux ser iħalluni norqod dal-lejl. Min hemm? (Tidħol Persome) Jien żgur smajt il-bieb jingħalaq. (Tħares madwarha). Ħadd ma hawn. (Tmur tħabbat fuq il-bieb ta' l-Isqof u hija u sejra tinduna li l-gandlieri kienu għebu.). Il-

gandlieri, il-gandlieri marru, ma għadhomx hawn. Ħi, ħi qum, ejja! Nar, qtil, ħallelin!
(Jidħol l-Isqof.)

I. X'ġara ruħi, x'ġara?

P. Dak ir-raġel li jbeżżgħek b'għajnejh ma għadux hawn. Telaq, u ħa l-gandlieri miegħu.

I. (Jingħi.) Il gandlieri tiegħi, jaħasra! Seta' ħallihomli! Kienu kull ma kelli t'ommi! (Kważi jibda jolfoq.)

P. Isa, mur għid lill-Pulizija. Ma jistax ikun li tbiegħed wisq s'issa. Jaqbduh malajr u int terġa' tikseb il-gandlieri. Mhux għax ħaqqek, la ħallejtħom urajk ma' raġel ta' dik ix-xorta.

I. Qiegħda tgħid sewwa Persome. Kollu tort tiegħi għax jien poġġejtu fit-tentazzjoni.

P. Tgħidx ħmerijiet. Dak ħalliel... ħalliel u brikkun. Jien mill-ewwel indunajt. Mur għand il-Pulizija, jonkella mmur jien. (Tkun tielqa, iżda l-Isqof iżommha).

I. (Bil-qajl il-qajl) U terġa' tixtħu l-ħabs, ġo l-infern għal darb'oħra? Le, Persome. Kull ma ġara ħaqqni għax jien kont ingħożżhom iż-żejjed, u dak dnub. Ħaqqni, ħaqqni tassew. Iżda dan mhux kastig żgħir għalija! (Jixħet rasu bejn il-pali ta' idejh.)

P. Ħi, ħi; m'intix titkellem sewwa. Jekk ma tridx tgħidilhom int lill-Pulizija, ingħidilhom jien. Mhux ser nibqa' ma nagħmel xejn meta narahom qed jisirquk. Jien naf li inti ħija u l-Isqof tiegħi u l-aħjar raġel fi Franza kollha; imma b'dana kollu int ma jilħaqlek xejn. Inti għadek tifel u jien m'iniex ser inħallihom jipprofittaw ruħhom minnek. Sejra ngħid lill-Pulizija. (Titlaq lejn il-bieb).

I. Ieqaf Persome! *Il-gandlieri kienu tiegħi, imma saru tiegħu. Jien tajthomlu.* Aħjar hekk. Hu jeħtieġhom aktar minni. Ommi żgur kienet kieku tixtieqni nagħmel hekk li baqgħet ħajja u rat lil dak l-imsejken.

P. Imma....
(Taħbit kbir minbarra.)

S. (Minbarra.) Monsinjur, Monsinjur. Għandna xi ħaġa għalik. Nistgħu nidħlu?

I. Idħol ibni.
(Jidħlu Surġent u żewġ ġendarmi bil-ħabsi immanettjat bejniethom.)

P. Mela qabduk, ja vili li int, e?

S. Iva, sinjura. Sibna lil dan il-banavolja miexi ma' taħt il-ħajt, u billi ma seta' jagħti ebda tagħrif fuqu n-nifsu, arrestajnieh fuq suspett. Marija Santissma, b'saħħitu, tafx? Ħabbatna kemm felaħ. Meta konna qegħdin norbtuh dawn waqgħu minn fuqu. (Jagħti l-gandlieri lil Persome; din toħodhom minn idejn is-surġent, tmur tqiegħed wieħed minnhom fuq il-mejda u l-ieħor tibda timsħu bix-xall, li tkun xeħtet fuqha qabel ma daħlet qisha qiegħda tmellsu). Ftakart fil-gandlieri ta' Monsinjur Isqof u għalhekk bqajna ġejjin hawn biex taraw jekk humiex tagħkom. Imbagħad nieħdu lil dan il-banavolja l-għassa.

(Sadattant il-ħabsi u l-Isqof jibqgħu jħarsu lejn xulxin — il-ħabsi b'ħarsa ta' sfida fuq wiċċu).

I. Jien m'jien nifhem xejn minn din il-biċċa; dar-raġel hu ħabibi.

S. Ħabibek? Marija Santissma, ħabibek?!

I. Iva, ħabibi... Il-bieraħ fil-għaxija kiel magħna u jien, jien tajthomlu l-gandlieri.

S. (Donnu ma jistax jemmen dak li sema' b'widnejh stess). Inti tajthomlu l-gandlieri! Verġni Mqaddsa...!

I. (Iebes, iebes) Ftakar, ibni, li Hi tassew imqaddsa.

S. (Iħokk rasu). Skużani Monsinjur.

I. Issa naħseb li tistgħu titilquh għall-affari tiegħu.

S. Imma hu ma riedx jurini l-passaport, ma riedx igħidli mnejn hu.

I. Ma għidtlekx jien li hu l-ħabib tiegħi?

S. Iva... iżda...?

I. Hu l-ħabib ta' l-Isqof tiegħek; dan biż-żejjed għalik.

S. Iva,.. imma..?

I. Mhux biż-żejjed?

(Waqfa — Is-Surġent u l-Isqof iħarsu lejn xulxin.)

S. Imma jien.... (Lill-ġendarmi.) Ħolluh. (Dawn jagħmlu hekk.) Immorru.... Sellmu. (Isellmu.) Imxu. (Joħorġu s-surġent u l-ġendarmi.) (Waqfa ftit twila.)

Ħ. (Bil-qajla l-qajla qisu f'ħolma) Int.. għidtilhom... li tajthomli l-gandlieri? Li tajthomli int! Alla tal-ħniena!

P. (B'id waħda mgħaqqda ponn u bl-oħra tħaddan il-gandlieri magħha). Ja brikkun, ja banavolja l-int; tiġi hawn; nitimgħuk; insaħħnuk; nagħtuk fejn torqod; u minn fuq tisraqna; tisraq lil dawk li għamlu l-ġid miegħek, ja raġel ħażin!

I. Persome, int tinsab imħawda ż-żejjed. Mur fil-kamra tiegħek u ħallina weħidna.

P. X'inhu? Inħallik biex jerġa' jidħak bik u forsi joqtlok ukoll. Le, le.

I. (Daqsxejn iebes.) Persome ħallina għax hekk nixtieq jien. (Persome tħares ħarsa sewwa lejn ħuha, iddur u tmur lejn il-bieb.)

P. La jkolli mmur, għall-anqas nieħu l-gandlieri miegħi.

I. (Aktar iebes, u b'leħen aktar għoli) Persome, ħallihom dawk il-gandlieri u ħallina weħidna.

P. (Persome b'leħen ta' sfida.) Le, ma rridx.

I. (B'leħen għoli sewwa u ta' kmand). Jien, l-Isqof tiegħek, qed nikkmandak. Obdi. Mur. (Persome tobdi kontra qalbha u toħroġ min-naħa tal-lemin).

Ħ. (Mistħi, mistħi.) Monsinjur qed jisgħobbija li rnexxili nerġa' naħrab. Alla jisħetni. Jistħoqqli li jerġgħu jixtħuni fl-infern.

I. Ma torqodx hawn? Is-sodda lesta.

Ħ. Le. (Iħares lejn il-gandlieri.) Le, le, Monsinjur. Ma nissugrax. Jien irrid immur lejn Pariġi. Pariġi hi belt kbira u hemmhekk nista' nistaħba u ma jsibunix; ikolli nivvjaġġa bil-lejl, qed tifhem?

I. Iva qed nifhmek, qed nifhmek sewwa.

Ħ. Qatt ma kont naħseb li fid-dinja hawn tjubija hekk kbira bħal tiegħek. Lill-bniedem meta jkun fl-infern ma jiġihx f'moħħu li xi mkien jista' jsib qalb hekk tajba bħal tiegħek; imma ma nafx kif... inħoss li inti tassew tajjeb u ser nitolbok ħaġa... tista', tista' tberikni qabel ma nitlaq? (Jinxeħet għar-rkubbtejh quddiem l-Isqof) Għax naħseb, naf, li l-barka tiegħek tgħinni. (L-Isqof, b'xofftejh jiċċaqalqu imma b'ebda kelma ma tinstema', ibierek lill-ħabsi u jrodd fuqu s-sinjal tas-Salib.) (Il-Ħabsi jqum bil-wieqfa, jipprova jitkellem, iżda jibda tant jolfoq li kważi jkun ser jifga.)

Ħ. Il-Lejl it-tajjeb. (Jitlaq igħaġġel lejn il-bieb.)

I. Ieqaf ibni; int insejt ħwejġek warajk, (fil-waqt li jagħtih il-gandlieri.)

Ħ. Jien? Tridni noħodhom?

I. Jekk jogħġbok. Forsi jkunulek ta' xi għajnuna.

(Il-ħabsi mnixxef fih in-nifsuu kważi ma jafx x'ser jibda jagħmel, jieħu l-gandlieri.)

I. U ibni, fil-masġar wara din id-dar hemm mogħdija li twassal għal Pariġi. Jiena kemm-il-darba ndunajt li ħbiebi l-ġendarmi, ħaġa tal-għaġeb, ma jħobbux igħad-du minn hemm bil-lejl.

Ħ. Niżżik ħajr, Monsinjur. Jien, jiena, (Jolfoq.) jien ibleh biex nibki; iżda int qed iġġegħilni nħoss li xi ħaġa daħlet ġo fija; li erġajt sirt bniedem mill-ġdid u m'iniex aktar bhima.

(Il-bieb baqa' dejjem miftuħ. Il-Ħabsi jersaq ġol-bieb u jieqaf fih—kwadru.) (L-Isqof jersaq wara l-ħabsi, iqiegħed idejh it-tnejn fuq spallejn il-ħabsi).

I. Ibni, dejjem żomm quddiem għajnejk li ġisimna hu t-Tempju t'Alla.

Ħ. (B'qima l-aktar kbira.) It-Tempju t'Alla! Niftakar.. (Joħroġ min-naħa tax-xellug.)

(L-Isqof jagħlaq il-bieb; jaqsam bil-mod il-kamra, imur jinxeħet għar-rkubbtejh fuq il-ġinokkjatur u jinġabar fih in-nifsu, jitlob).

Tmiem.

# WERREJ
# TAT-TMINTAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Radd il-Ħajr | *Editorjal* | 3 |
| *Qawsalla* | Dun Karm | 4 |
| Ħidmitna | Is-Segretarju | 5 |
| *Ġesù* | Dun Karm | 10 |
| Meta ma ġewx l-Ajruplani | Prof. Dun P. P. Saydon | 11 |
| *L-14 ta' Ġunju* | Ġużè Chetcuti | 13 |
| "Auf Wiedersehen" | Ġużè Galea | 14 |
| *It-trejqa* | Manwel Agius | 24 |
| L-Istatwa ta' Kristu Re | *Editorjal* | 25 |
| *Lil Malta* | Dun Karm | 27 |
| *Fuq il-Fruntiera* | Dun Karm | 27 |
| Jum li jibqa' jissemma | Ġużè Chetcuti | 28 |
| *Xbihet Malta* | Arthur V. Vassallo | 31 |
| Il-Proża ta' Dun Karm | T. Sciberras | 34 |
| *Għanja ta' Mħabba* | Ġużè Chetcuti | 36 |
| Zewġ Poeżijiet tal-Kittieb Malti Antonio Calleja | A. Cremona | 37 |
| *Taħt is-Salib* | R. Mifsud Bonnici | 40 |
| *Lil Dun Karm* | Fran. Camilleri | 42 |
| Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ | P. Pawl Tabone o.f.m. | 48 |
| *Frak mill-Weraq ta' Byron* | A. Cremona | 47 |
| *Irrid immur Ta' Xbiex* | Fran. Camilleri | 48 |
| Il-Cottonera fil-Ħamrun | N. Biancardi | 49 |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | | 50 |
| *Qalb ta' Tifel* | R. Mifsud Bonnici | 52 |
| Eżamijiet | *Editorjal* | 53 |
| *Inħobbok* | Dun Karm | 55 |
| "George Cross" | Ġużè Galea | 59 |
| *Għassa tal-Għadu !* | A. Cremona | 63 |
| Meta jkun miktub | Vic. Apap | 69 |

| | | faċċata |
|---|---|---|
| *Għad terġa' tqum* | Ġużè Chetcuti | 75 |
| "Quotidie Morior" | C. M. De Caro | 77 |
| Bibljografija | | 79 |
| Sena oħra | *Editorjal* | 81 |
| *Żewġ Qronfliet* | Dun Karm | 82 |
| Ġustizzja bla Qorti | Ġużè Galea | 83 |
| *It-Tigra u l-Ħamiema* | A. Buttiġieġ | 88 |
| *Ġewwa l-Presepju* | R. M. B. | 88 |
| Salvu jsir Missier | Vic. Apap | 89 |
| Madlien | K.G.M.F. | 92 |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | Ġ. Chetcuti | 95 |
| *Imbierek il-Mulej!* | Fran. Camilleri | 104 |
| Mill-Qasbija tal-Lsien Malti | A. Cremona | 105 |
| Kumitati | | 110 |
| Werrej tat-Tmintax-il Sena | | 111 |
| Il-Gandlieri tal-Isqof | G. Zarb Adami | |

# Konkors ta' Kritika Letterarja

Ir-riżultat tal-Konkors ta' Kritika Letterarja bil-Malti, imniedi mix-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti" huwa dan:

*L-Ewwel Premju.* "Ġorġ Pisani u s-sunett tiegħu 'Lil Mikiel Anton Vassalli' " ta' Louis Ellul.

*It-Tieni Premju.* "Binti – Karmenu Vassallo bħala Poeta u Missier" ta' K. Ellul Galea.

Barra minn dawn, il-kitbiet li ġejjin issemmew b'tifħir mill-Eżaminaturi.

"L-Għid il-Kbir ta' Dun Karm" ta' Karm. Vassallo.
"Il-Poeżija 'Nemmen' ta' Ġużè Chetcuti" ta' Ġorġ Chetcuti.
"Il-Poeżija 'Warda li tgħid Ġrajjietha' ta' Dun Karm" ta' Rev. Francis Camilleri

L-Eżaminaturi kienu Patri Pawl Tabone o.f-m. u s-Sur Nin. Cremona.

JALLA

L-GĦANJA TA' RIŻQ U SLIEM

LI NSTEMGĦET MIR-RGĦAJJA TA' BETLEM

NIEŻLA MIS-SEMA

TIDWI FI QLUBNA

U TGĦAQQADNA FIR-RIEDA T-TAJBA

SABIEX BIL-FOMM U BIL-PINNA

NIFTĦU KTIEB ĠDID TA' ĦAJJA SABIĦA

GĦALL-ĠID TA' ART TWELIDNA

MAL-BIDU TAS-SENA L-ĠDIDA

Jinbiegħ 1s.

Aġent Direttur: ANT. CREMONA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil Victor Apap, Villino Schembri, Rabat jew lil K. Buttigieg, Empire Press, Il-Belt. Mal-ħlas tingħata l-irċevuta.